**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lianne Bonello)**

**vs**

**George Degiorgio**
**Alfred Degiorgio**
**Anca-Adelina Pop**

**Illum 7 ta′ Frar 2023**

**Kumpilazzjoni numru: 399/2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati George Degiorgio, detentur tal-karta tal-identita′ Maltija bin-numru 164963(M), Alfred Degiorgio, detentur tal-karta tal-identita′ Maltija bin-numru 541264(M) u Anca-Adelina Pop, detentrici tal-karta tal-identita′ Maltija bin-numru 100282(A), billi huma akkuzati talli f′dawn l-ahhar snin, f′dawn il-Gzejjer, b′diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b′rizoluzzjoni wahda:

1. Ghamlu atti ta' money laundering billi:

i) Ikkonvertew jew trasferew proprjeta' meta kienu jafu jew jissuspettaw li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f' attivita' kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b' ohra tal-origini tal-proprjeta' jew ta'ghoti ta'ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f'attivita' kriminali.

ii) Hbew jew wrew haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta', meta kienu jafu jew jissuspettaw li dik il-proprjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali.

iii) Akkwistaw, ippussessaw jew uzaw proprjeta' meta kienu jafu jew jissuspettaw li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali.

iv) Bir-ritensjoni minghajr skuza ragonevoli ta' proprjeta' meta kienu jafu jew jissuspettaw li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali.

v) Ittentaw jaghmlu l-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija.

vi) Agixxew bhala komplici fit-tifsir tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali rigward xi wahda mill-hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;

Ai termini tal-Artikolu 3 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 u l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Lil George Degiorgio u lil Alfred Degiorgio wahedhom, talli saru recidivi b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti. Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2019 il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk ghalqet il-provi taghha;

Rat illi fis-16 ta' Ottubru 2019 inqraw il-kontro ordni tal-Avukat Generali datati 1 ta' Ottubru 2019 biex il-kaz jiġi trattat u deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputati f'dik l-istess seduta jiddikjaraw li ma ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedrua sommarja.

Rat illi, waqt is-seduta tal-14 ta' Lulju 2021, il-Qorti kkoncediet zmien lill-partijiet sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub dwar dan il-kaz;

Rat illi l-Prosekuzzjoni pprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub fid-29 ta' Ottubru 2021;

Rat fl-10 ta' Dicembru 2021 Anca-Adelina Pop ipprezentat s-sottomissjonijiet taghha bil-miktub;

Rat fl-14 ta' Dicembru 2021 George Degiorgio u Alfred Degiorgio pprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni u mid-difiza.

- ***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu tlieta u sittin (63) xhud kif gej:

Spettur Antonovitch Muscat (*a fol* 41 et. seq.); Sandro Galea (*a fol* 66 et. seq.); Ivan Formosa (*a fol* 112 et. seq.); Carmelo Fava (*a fol* 115 et. seq.); Carmelo Filletti (*a fol* 118 et. seq.); Paul Farrugia (*a fol* 120 et. seq.); Mark Bugeja (*a fol* 124 et. seq.); Osama Enbaiya Albiri (*a fol* 130 et. seq.); Sean Vella (*a fol* 134 et. seq.); Bernard Attard (*a fol* 143 et. seq.); James Zammit (*a fol* 147 et. seq.); Omar Caruana (*a fol* 174 et. seq.); Spettur Antonovitch Muscat (*a fol* 181 et. seq.); Joseph Saliba (*a fol* 206 et. seq.); Ivan Cilia (*a fol* 217 et. seq.); Joseph Debono (*a fol* 226 et. seq.); Paul Scicluna (*a fol* 251 et. seq.); Brian Saliba (*a fol* 253 et. seq.); Marisa Frendo (*a fol* 255 et. seq.); Anthony DeMarco (*a fol* 362 et. seq.); Dr. Sonia Consiglio (*a fol* 372 et. seq.); Michael Savona (*a fol* 401 et. seq.); Ivan Cilia (*a fol* 623 et. seq.); Karen Cremona (*a fol* 628 et. seq.); Spettur Antonovitch Muscat (*a fol* 908 et. seq.); Dr. Marisa Mifsud (*a fol* 915 et. seq.); Andrew Mckay (*a fol* 917 et. seq.); Paul Vassallo (*a fol* 919 et. seq.); Neville Aquilina (*a fol* 1061 et. seq.); Abigail Fenech (*a fol* 1065 et. seq.); Slawomir Switalski (*a fol* 1084 et. seq.); Ravindra Omprakash Agarwal (*a fol* 1110 et. seq.); PC 1272 Stephan Scicluna (*a fol* 1119 et. seq.); Lawrence Formosa (*a fol* 1121 et. seq.); George Stagno Navarra (*a fol* 1132 et. seq.); Angelita Delicata (*a fol* 1139 et. seq.); Leslie Borg (*a fol* 1157 et. seq.); Adrian Agius (*a fol* 1172 et. seq.); Supretendent Antonovitch Muscat (*a fol* 1175 et. seq.); WPC 362 Kimberly Vella (*a fol* 1193 et. seq.); Dr. Anna Portelli (*a fol* 1195 et. seq.); Dr. Lara Agius (*a fol* 1197 et. seq.); Registratur tal-Qrati Civili Emanuel Scriha (*a fol* 1205 et. seq.); Dr. Anna Portelli (*a fol* 1211 et. seq.); Registratur tal-Qrati

Kriminali Eunice Grech Fiorini (*a fol* 1354 et. seq.); Max Borg Bonello (*a fol* 1753 et. seq.); Maryrose Carabott (*a fol* 1758 et. seq.); Darren Debono (*a fol* 1762 et. seq.); Supretendent Antonovitch Muscat (*a fol* 1765 et. seq.); PS 1289 Andre Cassar Bonaci (*a fol* 1829 et. seq.); PC 979 Daniel Mohr (*a fol* 1833 et. seq.); Carmel Abela (*a fol* 1846 et. seq.); Dr. Adrian Vella (*a fol* 1855 et. seq.); Yvette Tonna Borg (*a fol* 1905 et. seq.); Maria Dolores Fenech (*a fol* 1934 et. seq.); Maria Dolores Fenech (*a fol* 1957 et. seq.); Supretendent Antonovitch Muscat (*a fol* 2268 et. seq.); Ex Supretendent Antonovitch Muscat (*a fol* 2313 et. seq.); Supretendent Antonovitch Muscat (*a fol* 2317 et. seq.); Supretendent Antonovitch Muscat (*a fol* 2344 et. seq.); Anca-Adelina Pop (*a fol* 2348A et. seq.); Vasile Tatarciuc (*a fol* 2356 et. seq.); Alin Adrian Pop (*a fol* 2363 et. seq.).

- ***Rijassunt tax-Xhieda***

L-**Ispettur Antonovitch Muscat** (Fol 41 et seq) beda biex qal kif fl-aħħar xhur, il-pulizija kienet qed tinvestiga l-omicidju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia u f'Diċembru tal-elfejn u sbatax (2017) kienet waslet biex resqet tliet (3) persuni fosthom George Degiorgio, detentur tal-karta tal-identità 164963 M; lil Alfred Degiorgio, detentur tal-karta tal-identità 541264 M; kif ukoll lil ċertu Vincent Muscat, detentur tal-karta tal-identità 252562 M. Wara li tressqu dawn it-tliet (3) persuni, il-pulizija rċiviet informazzjoni kunfidenzjali u anke kien hemm xi artikli fil-media illi dawn it-tliet (3) persuni l-iktar George Degiorgio u Alfred Degiorgio seta' kellhom xi assi illi ma kienux jirriflettu l-ħajja finanzjarja u ekonomika li kienu jmexxu u għalhekk tnediet investigazzjoni finanzjarja fil-konfront tagħhom. Eventwalment din l-investigazzjoni estendiet ukoll għal

partner ta' George Degiorgio, Anca-Adelina Pop li hi ta' nazzjonalita Rumena, bil-karta tal-identità 100282 A. Ix-xhud kompla jgħid li saru diversi rikjesti mal-banek, istituzzjonijiet finanzjarji lokali, saret rikjesta wkoll mal-Jobs Plus, mad-Dipartiment tal-Income Tax, Transport Malta, r-reġistru tal-kumpaniji, saret riċerka rigward propjetà immobli, riċerka mad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali, riċerka mal-Casinos kif ukoll ma diversi entitajiet oħra fosthom life insurance, policy holders, u insurance ta' vetturi.

Ix-xhud qal li minn din l-informazzjoni li ġabret il-pulizija, saret analiżi u rriżulta s-segwenti. Fil-kontront ta' George Degiorgio, detentur tal-karta tal-identità 164963 M, minn informazzjoni mill-banek lokali, jidher li Degiorgio għandu kont mal-Bank of Valletta li ilu inattiv u ma joperax mill-elfejn u ħamsa (2005). Ix-xhud qal li Degiorgio għandu bilanċ pendenti ta' elf seba' mija tnejn u sebgħin punt ħamsa u disgħin ewro (€1,772.95) ma' HSBC Bank Malta Limited, u kien ħa loan għal home furnishings minn għand l-istess bank fejn kienu jsiru pagamenti ta' disa mija tmienja u ħamsin punt ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€958.75) u l-aħħar pagament sar fis-sitta (6) ta' Frar tal-elfejn u erbatax (2014).

Ix-xhud qal li rigward informazzjoni ġejja mill-istituzzjonijiet finanzjarji irriżulta illi bejn Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) u Ottubru tal-elfejn u sbatax (2017) (bejn wieħed u ieħor jiġu ftit aktar minn erba' snin), l-imsemmi George Degiorgio għadda ħamsa u għoxrin elf, mitejn u tlieta u sebgħin ewro punt sebgħa u sittin ċenteżmu tal-ewro (€25,273.67) barra minn Malta permezz ta' Western Union billi uża FexServ Financial Services Limited.

Bejn Awwissu tal-elfejn u tlettax (2013) u Lulju elfejn u sittax (2016), Degiorgio għadda lil partner tiegħu Anca-Adelina Pop is-somma ta' sbatax -il elf u seba' mija (€17,700) ġewwa r-Rumanija.

Bejn Mejju elfejn u tlettax (2013) u Ottubru tal-elfejn u sbatax (2017) Degiorgio għadda lil ċertu Tammy Zueli s-somma ta' elfejn disa' mija ħamsa u sebgħin ewro punt wieħed u tletin ċenteżmu tal-ewro (€2,945.31) fil-valur ta' Sterlina.

Degiorgio għadda wkoll bejn April tal-elfejn u ħmistax (2015) u Novembru tal-elfejn u ħmistax (2015) is-somma ta' elf seba' mija sitta u ħamsin punt sitta u sebgħin ċenteżmu tal-ewro (€1,756.76) f'dollari Awstraljani lil ċertu Benjamin Degiorgio.

Huwa għadda wkoll is-somma ta' elfejn u sitt mitt ewro (€2,600) lil ċertu Aurelia Traccuc bejn Jannar tal-elfejn u erbatax (2014) u Ġunju tal-elfejn u sbatax (2017).

Mill-informazzjoni li għandu x-xhud mill-Casinos li hawn f'Malta deher illi George Degiorgio huwa reġistrat mal-Casino Dragonara peress illi mar hemmhekk fit-tletin (3) ta' Ottubru tal-elfejn u erbatax pero ma rriżultax li qatt lagħab xi flejjes ġo xi Casino hawn Malta. Mill-informazzjoni minn Jobs Plus irriżulta li l-aħħar employment history tal-imsemmi George Degiorgio huwa ta' bejn Mejju tal-elf disgħa mija tnejn u tmenin (1982) u Frar tal-elf disgħa mija tlieta u tmenin (1983) fejn kien

irreġistrat bħala labourer building construction worker ma' Nazzareno Sammut & Sons, Ħal Luqa.

Mill-informazzjoni minn Transport Malta irriżulta li George Degiorgio għandu reġistrata f'ismu vettura Audi A4 bin-numru tar-reġistrazzjoni LCW 889 u għandha n-numri personalizzati DENJAD, liema Audi ilha f'ismu mit-tlettax (13) ta' April elfejn u sittax (2016). Qabel din id-data, din l-istess karozza kienet f'isem Anca-Adelina Pop, il-partner ta' George Degiorgio u żammet ownership tagħha sas-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar elfejn u ħmistax. Ix-xhud kompla jgħid illi primarjament bejn Ġunju tal-elfejn u tlettax (2013) sal-elfejn u sittax (2016) Degiorgio kellu wkoll f'ismu Mitsubishi L20 u BMW 320D. Irriżulta wkoll minn Transport Malta illi l-imsemmi George Degiorgio għandu opra tal-baħar bl-isem ta' DUCU, dokumentazzjoni fuq din id-dgħajsa deher li kienet ordnata minn ċertu Pawlu Farrugia, detentur tal-karta tal-identità 104759 M, minn għand Platinum Craft Company Limitied ta' Għawdex f'Novembru tal-elfejn u tlieta (2003). Ix-xhud qal li ma kienx jidher li kien hemm reġistrazzjoni ta' din id-dgħajsa.  Infatti l-ewwel reġistrazzjoni ta' din ir-reġistrazzjoni ta' din id-dgħajsa tirriżulta fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju elfejn u sbatax (2017) f'isem George Degiorgio.

Ix-xhud qal li George Degiorgio ma jidhirx la reġistrat u lanqas involut f'kumpaniji skond ir-Reġistru tal-Kumpaniji f'Malta, u lanqas irriżulta li għandu propjetà mmobli f'ismu skond ir-riċerki ma' Identity Malta u l-Public Registry searches. Degiorgio mhuwiex reġistrat għal skopijiet ta' taxxa mad-Dipartiment tal-Inland Revenue u rriżulta wkoll li qatt ma

rċieva u lanqas kien qed jirċievi l-ebda benefiċċji, pensjonijiet jew allowances taħt l-Att tas-Sigurta Soċjali.

Rigward Anca-Adelina Pop, bil-karta tal-identità 100282 A irriżulta illi għandha kont wieħed mal-Lombard Bank li nfetaħ fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru elfejn u sittax (2016), u skond l-opening account form fuq dan il-kont ġie rriżultat illi Anca-Adelina Pop hija mniżżla bħala unemployed imma fl-inward transactions f'dan il-kont magħmulin kollha bħala cash deposits jidhru li huma round figures ta' eluf, tlett elef (3,000), elf (1,000), elfejn (2,000) l-hemm u l-hawn.

Rigward informazzjoni li rċieva x-xhud mill-istuzzjonijiet finanzjari rriżulta illi l-istess bħal George Degiorgio, Anca-Adelina Pop bejn Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) u Jannar tal-elfejn u tmintax (2018) għaddiet sommon ta' flus barra minn Malta permezz tal-Western Union billi użat is-servizzi tal-FexServ Financial Services Limited. Hija għaddiet total ta' tmienja u tletin elf, erba' mija u ħamsin ewro punt ħamsin ċenteżmu tal-ewro (€38,450.50), bil-maġġjoranza tagħhom jgħaddu lil ommha ċertu Aurelia Tatue li infatti għadditilha s-somma ta' ħamsa u tletin elf seba' mija punt ħamsin ċenteżmu tal-ewro (€35,700.50). Ix-xhud kompla jgħid illi ma rriżultax li Anca-Adelina Pop qatt attendiet jew hija rreġistrata f'Casinos f'Malta. Skond l-informazzjoni li ġabar ix-xhud minn għand il-Jobs Plus, Anca-Adelina Pop hija self-employed bħala part time entertainer mill-ewwel (1) ta' Jannar tal-elfejn u tnax (2012) pero ma jidhirx li hemm xi termination of employement mal-Jobs Plus.

Rigward informazzjoni miġbura minn għand Transport Malta deher illi fuq isem Anca-Adelina Pop hemm Corvette C7 bin-numru tar-reġistrazzjoni JBW 214 u n-numru personalizzat huwa DAVIDDUCU li ilha f'isimha mit-tlettax (13) ta' Novembru elfejn u ħmistax (2015). Hija għandha f'isimha wkoll Audi Q7 S line DI bin-numru tar-reġistrazzjoni GBU 045, numru personalizzat DENI u ilha f'isimha mis-sittax (16) ta' Awissu elfejn u sbatax (2017). Deher ukoll illi għanda Mercedes Benz E20 bin-numru tar-reġistrazzjoni CCI 342, li ilha f'isimha mit-tnax (12) ta' April tal-elfejn u tmintax (2018).

Ix-xhud qal li ma rriżultax li Anca-Adelina Pop hija reġistrata jew involuta f'xi kumpanija skond ir-Reġistru tal-Kumpaniji f'Malta, u lanqas deher li għandha xi propjetà mmobli f'isimha skond ir-riċerki li saru ma' Identity Malta mill-Public Registry. Ix-xhud qal li hija lanqas hi rreġistrata mal-Inland Revinue Department għal skopijiet ta' taxxa u infatti ma tirċievi l-ebda benefiċju, pensjonijiet jew allowances minn naħa tas-social security.

Rigward Alfred Degiorgio, detentur tal-karta tal-identità numru 541264 M, ix-xhud qal li kellu loan mal-HSBC li ilu magħluq mill-elfejn u tnejn (2002). Rigward flejjes li għaddew minn istituzzjonijiet finanzjari, fl-għoxrin (20) ta' Settembru elfejn u sittax (2016) u tmienja (8) ta' Ottubru elfejn u sbatax (2017), Alfred Degiorgio għadda permezz ta Western Union bis-servizzi tal-FexServ Financial Services is-somma ta' ħamest elef tmien mija u sitt ewro (€5,806) lil ċertu Benjamin Degiorgio ġewwa l-Awstralja.

Ix-xhud qal li rigward informazzjoni mill-casinos ta' Malta deher illi Alfred Degiorgio irreġistra ruħu magħhom fl-għaxra (10) ta' Diċembru elfejn u sittax u l-aħħar vista li għamel hemmhekk kienet fis-sittax (16) ta' Jannar elfejn u sbatax (2017). Deher li bejn dawn iż-żewġ dati l-imsemmi Alfred Degiorgio ppreżenta u sarraf is-somma ta' erbgħa u tletin elf ħames mitt ewro (€34,500). Rigward Tumas Gaming, deher illi bejn l-elfejn u ħdax (2011) u l-elfejn u tlettax (2013), Alfred Degiorgio ppreżenta s-somma ta' sittax -il elf u sitt mija (€16,600) lill-Oracle Casino u fis-sena elfejn u tnax (2012), huwa ppreżenta s-somma ta' mija disgħa u sittin elf u seba' mitt ewro (€169,700). Ix-xhud qal li Dragonara Casino kkonfermaw ukoll illi Alfred Degiorgio huwa klijent reġistrat magħhom u bejn l-għoxrin (20) ta' Marzu elfejn u ħdax (2011) u d-dsatax (19) ta' Jannar elfejn u sbatax (2017) huwa ppreżenta s-somma ta' mija wieħed u sittin elf tmien mija u sittin ewro (€161,860).

Mill-informazzjoni li x-xhud irċieva minn għand Jobs Plus deher illi Alfred Degiorgio ma kienx jaħdem. Ħadem biss għal perjodu qasir bejn l-ewwel (1) ta' Ġunju elfejn u ħamsa (2005) u l-għoxrin (20) ta' Settembru elfejn u ħamsa (2005) fejn kien irreġistrat li jaħdem bħala security guard f'Black Bull Bar ġewwa Paceville.

Minn informazzjoni li ġab ix-xhud mingħand Transport Malta deher illi Alfred Degiorgio għandu fil-pussess tiegħu karozza Mercedes Benz C220CDI bin-numru tar-reġistrazzjoni IBQ 897 li ilha rreġistrata f'ismu mid-disgħa (9) ta' Marzu elfejn u sbatax (2017). Deher ukoll li kellu Kia Avella u BMW 320 bejn il-perjodu ta' Frar elfejn u sbatax (2017). Irriżulta ukoll li għandu vettura tal-baħar bl-isem ta' Maya rreġistrata fuq ismu

liema ownership tibda mis-sittax (16) ta' Frar elfejn u sbatax (2017) u skond d-dokumentazzjoni provduta minn Transport Malta deher illi din id-dgħajsa inxtrat mingħand Ivan Formosa, detentur tal-karta tal-identità numru 28870M u xi ħadd ieħor Formosa bin-numru tal-karta tal-identita 349872 M.

Ma rriżultax illi Alfred Degiorgio huwa rreġistrat f'kumpaniji skont ir-Reġistru tal-Kumpaniji u fl-istess ħin deher li m'għandu l-ebda propjetà mmobli f'ismu. Ix-xhud qal li għalkemm Alfred Degiorgio huwa rreġistrat għal skopijiet ta' taxxa, huwa qatt ma daħħal ebda tax returns mad-Dipartiment tal-Income Tax u rriżulta li ma jirċivix l-ebda benefiċiji, pensjonijiet jew allowances minn naħa tad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali.

Ix-xhud qal li wara l-analiżi tar-risposti kollha li rċivew, hu ħass li kellu jkompli l-investigazzjoni billi jinterroga lit-tliet (3) imputati u fil-fatt talab għal arrest warrants fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tal-elfejn u tmintax (2018) fil-konfront ta' Alfred Degiorgio, George Degiorgio u Anca-Adelina Pop. Fl-istess ġurnata li ġiet arrestata Anca-Adelina Pop, ix-xhud ħadilha l-ewwel stqarrija fl-erbgħa u nofs ta' figħaxija (4:30 pm), ingħatat id-drittijiet kollha tagħha fosthom li tkellem avukat u li jkun preżenti waqt l-istqarrija u hija għażlet li tkellem u jkun preżenti lil Dr William Cuschieri. Hija għażlet li ma tirrispondi għall-ebda domanda ta' din l-isqarrija li fiha erba' (4) faċċati. Anca-Adelina Pop għażlet li ma tiffirmax din l-istqarrija.

Fis-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju elfejn u tmintax (2018) għal ħabta tas-siegħa u nofs u ħamsa (1:35), ix-xhud mar il-Faċilita Korrettiva ta' Kordin fejn ħa l-isqarrija ta' George Degiorgio u ngħata t-twissija u d-drittijiet kollha tiegħu fosthom li jikkonsulta u jkollu preżenti lill-avukat tiegħu fejn għażel li jkellem u jkollu preżenti lil Dr Wiliam Cuschieri. L-istqarrija tiegħu tikkonsisti f'erba' (4) faċċati. L-imputat għażel li ma jweġibx għad-domandi li għamlulu u lanqas iffirma l-istqarrija.

Fl-istess ġurnata għal ħabta tas-sagħtejn u għaxra (2:10), ix-xhud ħa l-isqarrija ta' Alfred Degiorgio ġewwa l-Faċilita Korrettiva ta' Kordin fejn dan ingħata d-drittijiet kollha tiegħu u rrifjuta d-dritt li jkellem u jkollu avukat preżenti. Alfred Degiorgio irrifjuta li jiffirma l-istqarrija tiegħu, liema stqarrija tikkonsisti fi tliet (3) faċċati.

Aktar tard fl-istess ġurnata għal ħabta tas-sitta u nofs (6:30), ix-xhud ħa t-tieni stqarrija ta' Anca-Adelina Pop, liema stqarrija tikkonsisti fi tliet (3) faċċati u ingħatat id-drittijiet kollha tagħha fosthom li tkellem avukat u li jkun preżenti waqt l-istqarrija u hija għażlet li tkellem u jkun preżenti Dr William Cuschieri. L-imputata mill-ġdid għażlet li ma twieġeb għall-ebda domanda u li ma tiffirmax għal din l-isqarrija.

Fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju, il-pulizija ħasset li għandha tressaq taħt arrest lit-tliet (3) imputati u takkużahom bl-akkużi odjerni.

**<u>In kontro-ezami</u>**, ix-xhud spjega li mill-investigazzjonijiet li saru rigward il-vetturi rreġistrati fuq l-imputata irriżulta illi l-Audi Q7 mhix fil-pussess tal-imputata peress illi kienet dejn u li tpartet b'vettura oħra. Dan għaliex

wara li tressqu t-tliet (3) imputati f'Diċembru tal-elfejn u sbatax (2017), deher li kien fadal bilanċ ta' xi ħamsa u għoxrin elf (€25,000) u d-dealer ried il-karozza lura u infatti dan mar ħadha u reġgħu partu u taha l-Mercedes li għandha preżenti bin-numru tar-reġistrazzjoni CCR 342. Il-vettura Audi Q7 deher li kien fil-pussess tagħha għal perjodu ta' sena sakemm ittieħed mid-dealer peress li ngħata bi skambju tiegħu Audi Q3 li kien ukoll reġistrat f'isem Anca-Adelina Pop. Id-dejn kien jammonta għal ħamsa u għoxrin elf u erba' mija (€25,400) bl-imgħaxijiet. L-imputata qalet fl-istqarrija tagħha li ilha hawn Malta xi sitt (6) snin. Ma saret l-ebda riċerka rigward l-imputata kellhiex investimenti jew xogħol f'pajjiżha r-Rumanija.

Ix-xhud qal illi rigward il-casinos huwa ppreżenta l-ammont ta' flus li kien qed jilgħab bihom Alfred Degiorgio. Dan ma kienx jinkludi r-rebħ. Jekk wieħed irid it-turn over kollu (rebħ u relf), l-ammont kien jintela għal nofs miljun (€500,000).

**<u>Fil-kontro-ezami</u>** li sarlu fis-seduta tat-tnax (12) ta' Lulju 2018 (Fol. 181 et seq), l-Ispettur spjega li s-somma ta' tmienja u tletin elf, erba' mija u ħamsin ewro punt ħamsin ċenteżmu (€38,450.50) li Anca-Adelina Pop għaddiet permezz ta' Western Union lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħha għaddew fuq perjodu ta' Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) u Jannar tal-elfejn u tmintax (2018). Dawn il-pagamenti kull xahar jew aktar minn żmien ta' xahar ma kinux jaċċedu l-erba' mija u ħamsin ewro (€450) kull pagament.

Fis-seduta tas-sebgħa (7) ta' Settembru 2018, l-Ispettur ipprezenta ċ-ċertifikati tat-twelid ta' Omissis li twieled fid-dsatax (19) ta' Mejju elfejn u

tlettax (2013), ta' Omissis li twieled fl-għoxrin (20) ta' Ottubru elfejn u erbgħa (2004) u ta' Omissis li twieled fit-tlettax (13) ta' Novembru elfejn u sitta (2006). Ix-xhud kompla jgħid illi mir-riċerki li saru mal-insinwa jirriżulta li t-tifla l-oħra hi mwielda r-Rumanija u għalhekk ix-xhud ma sabx ċertifikat tat-twelid tagħha.

Fis-seduta tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru 2018, is-**<u>Supretendent Antonovich Muscat</u>** (Fol. 1175 et seq) preżenta sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija, Spettur Pierre Grech kontra George Degiorgio, Karta tal-identità 164963M' mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) dakinhar preseduta minn Dr Miriam Hayman. Din hija datata tlieta (3) ta' Frar elfejn u tnax (2012). Din kienet wkoll konfermata fl-appell. Ix-xhud preżenta ukoll is-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija, Spettur Jeffrey Azzopardi kontra Alfred Degiorgio' datata tlettax (13) ta' Novembru elfejn u tlettax (2013) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Fis-seduta tal-għaxra (10) ta' Dicembru 2018 (Fol. 1765) , l-Ispettur Muscat ipprezenta żewġ rapporti minn naħa tal-Police NPS System wieħed bin-numru GHQ/TB/422/2015 u l-ieħor bin-numru 9/V/2138/2016. Dawn it-tnejn kellhom x'jaqsmu ma żewġ inċidenti separati li ġraw u li kienu jinvolvu lill-imputat George Degiorgio, detentur tal-karta tal-identità 164963M meta dan kien qed isuq Corvetta irreġistrata f'isem il-partner tiegħu Anca-Adelina Pop li ġġib in-numru DAVIDCUCU.

**<u>Fil-kontro-ezami</u>** tiegħu li sar fis-seduta tad-disgħa (9) ta' Marzu 2020, (Fol. 2268 et seq), is-Supretendent xehed li għalkemm kien qed jakkuża lill-imputati bir-reat ta' money laundering, ma kienx qed jindika perjodu

partikolari meta dan l-allegat reat seħħ. Huwa spjega li l-investigazzjoni ma setgħetx tiddetermina perjodu speċifiku għax ma setgħux jaslu għall-konklużjoni definittiva meta ħa jibda u meta ħa jispiċċa. Ix-xhud qal li m'għamilx investigazzjoni fuq meta George Degiorgio kien reġistrat bħala construction worker. Rigward Anca-Adelina Pop li hija reġistrata bħala entertainer, ix-xhud qal li ma setax jagħmel verifiki jew investigazzjonijiet rigward x'tip ta' ħlas tirċievi u fuq liema bażi kienet qed tirċevih peress illi fuq jobsplus ma jindikax ma' liema kumpanija jew ma' liema stabbiliment taħdem. Ix-xhud ma jaħsibx li George Degiorgio u Anca-Adelina Pop kienu jaħdmu b'xejn. George Degiorgio kellu loan għal home furnishings mal-HSBC Bank Malta u għalhekk ix-xhud jemmen illi biex ikun hemm loan irid ikun hemm xi forma ta' garanzija u jrid ikun hemm income leġittimu li jidher. Ix-xhud qal li kien ġabar id-dokumentazzjoni li kienu statements u sanction letter mill-HSBC u ma vverifikax fuq liema sors ta' income leġittimu il-Bank kien straħ biex lil George Degiorgio tah loan.

Ix-xhud kompla jgħid li mir-riċerki li oriġinarjament kienu saru mad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, huwa kien ġie infurmat illi George Degiorgio ma kien qed jirċievi l-ebda benefiċċju soċjali.  Izda imbagħad irrizulta i huwa kien qed jircievi beneficcji socjali.

Ix-xhud ikkonferma illi vettura li tkun irreġistrata fuq individwu ma jfissirx li bħala ownership in full jew in part hija ta' dak l-individwu u għalhekk mill-investigazzjonijiet li għamel ix-xhud ma rriżultalux liema, kemm kienet tiswa u kif tħallset l-ewwel vettura li kienet irreġistrata fuq l-imputati.

Ix-xhud kompla jgħid li kien hemm istanzi fejn diversi vetturi tpartu u fl-aħħar tpartit ta' vetturi Audi A4 jew A5 kien hemm tpartit ma' dealer ċertu James Zammit illi kien qal kemm ivvaluta dik il-vettura, filwaqt li ġabar dik il-vettura u inħarġet oħra. Huwa ġabarha għax kellu jieħu u kien hemm bilanċ sostanzjali ta' tlieta u għoxrin elf ewro (€ 23,000) li kellu jitħallas minnha. Dan kellu jitħallas permezz ta' pagamenti ta' madwar elf ewro (€ 1,000) fix-xahar. Sakemm inħarġu l-akkużi ma kien għadu prattikament tħallas xejn. Ix-xhud qal li rigward l-Audi seta' jgħid illi ma hemmx provi li s-Sinjuri Degiorgio kienu qed iħallsu l-vettura. Rigward il-Corvette irriżulta li din inxtrat mingħand persuna li hija mejta. Il-vettura nqalbet minn isem il-persuna mejta għal fuq l-imputati u l-investigazzjoni waqfet hemm. Ix-xhud qal li ma jistax jiftakar il-laqam tal-persuna mejta pero dan qatt ma ġie imħarrek. Kien pero issemma minn xi xhieda. Ix-xhud qal li ma rriżultax il-Corvette tħallsitx jew le u lanqas kemm kienet tiswa.

Rigward Anca-Adelina Pop, ix-xhud ivverifika li hija ta' nazzjonalita Rumena u sab illi l-imputata kienet miżżewġa u hija separata u għandha tifla. Huwa għamel verifiki permezz tal-EUROPOL li infurmawh illi kellha kont bil-bilanċ negliġibbli minn naħa tal-Awtoritajiet Rumeni. Pero fuq il-kwistjoni dwar jekk kinitx separata u kinitx tircievi manteniment, ix-xhud qal li ma kinux saru ricerki.

Rigward Alfred Degiorgio ix-xhud qal li rriżultalu li kien jmur il-Casino. Dawn kienu l-istess Casino jew Casinos li kien jiffrekwenta Vincent Muscat. Pero x-xhud ma vverifikax jekk dawn it-tnejn kinux ikunu fl-istess Casinos fl-istess ġranet.

Ix-xhud kompla jgħid li ma rriżultalux illi Alfred Degiorgio kienu ikollu aktar rebħ milli telf. Pero' kien hemm okkazzjonijiet fejn kellu rebħ sostanzjali. Qal wkoll li ħafna drabi Alfred Degiorgio kien jerġa' jilgħab dak li jkun rebaħ kemm fl-istess casino u jista jkun f'casinos oħrajn. Pero diffiċli li wieħed jipprova dan.

Ix-xhud qal li din l-investigazzjoni bdiet mill-każ tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia. Spjega li kien qed jinvestiga biss il-każ ta' money laundering u mhux offiżi oħrajn.

Ix-xhud sostna illi l-posizzjoni legali li l-liġi timponi fuq il-Prosekuzzjoni huwa li jiġi ippruvat ness mal-predicate offence. Qatt ma kien jezisti l-oneru biex tiġi ippruvata l-predicate offence. Ix-xhud qal li fil-bidu nett meta idaħħalet il-liġi dwar il-ħasil tal-flus, kien hemm lista skedata ta' predicate offences. Illum pero hemm an all crime approach u l-iskeda tneħħiet. Pero qatt ma kien il-kaz li l-prosekuzzjoni riedet tipprova lil hin minn kul dubju dettat mir-raġuni il-predicate offence. Ix-xhud qal li l-liġi tal-money laundering kienet idaħħlet fl-elf disa' mija erbgħa u disgħin (1994) u l-iskeda damet sa madwar l-elfejn (2000) sal-elfejn u wieħed (2001). L-'all crimes approach' idaħħal meta Malta kienet qed tipprepara biex tidħol fl-Unjoni Ewropea. Dan kien madwar l-elfejn u tlieta (2003) u l-elfejn u erbgħa (2004). Ix-xhud qal li fost dawn is-scheduled predicate offences kien hemm it-terroriżmu, każijiet ta'droga u bejgħ ta' armamenti. Ix-xhud sostna li ma setax jgħid jekk l-imputati għamlu jew m'għamlux dawn ir-reati għaliex hu ma nvestigax il-predicate offence. Ix-xhud sostna illi fl-investigazzjoni ta' money laundering il-pulizija ma tkunx qed

tinvestiga l-predicate offence. Kullma trid tipprova huwa konnesjoni bejn it-tnejn.

**<u>Fis-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju 2020</u>** (Fol. 2313 et seq) s-Supretendent Muscat indika li l-persuna mejta li kien irrefera għaliha waqt id-deposizzjoni precedenti tiegħu kien certu Kevin Spiteri detentur tal-karta tal-identità 534982M li twieled fil-ħdax (11) ta' Lulju elf disa' mija tnejn u tmenin (1982) u miet fl-ewwel (1) ta' Jannar tal-elfejn u tmintax (2018). Dan il-persuna kien isemma minn wieħed mix-xhieda waqt il-kumpilazzjoni u ġbir ta' provi għax kien sar xi transfer ta' vettura jew ta' dgħajsa.

**<u>Il-kontro-ezami tas-Supretendent Antonovich Muscat</u>** kompla fis-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Awissu 2020 (Fol. 2317 et seq). Ix-xhud qal li hu kien investiga u pproduċa lill-operaturi tal-varji casinos ġewwa Malta u dawn ipproduċew listi ta' informazzjoni. Hu pero ma kienx mar aktar lura mid-dati fuq dawk il-listi peress illi dawk biss kellhom disponibbli. Id-data ta' snin ta qabel ma kinetx disponibbli għas-sempliċi raġuni illi din jew ma kinitx inżammet jew inkella kienet tħassret. Għalhekk ix-xhud ma setax jgħid kienx hemm rebħ f'dawk is-snin minn Alfred Degiorgio.

Ix-xhud qal illi jekk karozza hija rreġistrata f'isem dik il-persuna, suppost hija propjetà tiegħu. Il-liġi tal-MVR tgħid illi jekk wieħed ikun propjetarju, il-karozza trid tkun irreġistrata f'ismu u mhux fuq isem ħaddieħor. Jekk jkun hemm bżonn trasferiment tal-vettura, il-persuna indikata fil-log book bħala s-sid trid tiffirma u mhux ħaddieħor li jista

jkun wara l-karozza. F'każ ta' dejn fuq il-karozza, dan għandu jkun irreġistrat ukoll fuq il-logbook u jkun hemm restrizzjoni fuq it-transferiment tagħha.

Ix-xhud qal li kien hemm djun fuq karozza partikolari li hija l-Audi li hija rreġistrata fuq l-imputata Pop. Fuq din l-istess karozza kien hemm dejn sostanzjali skont kif anke xehed is-Sur Zammit.  Huwa għalhekk li Zammit ried il-vettura lura. Suppost kienu għaddejjin il-pagamenti fix-xahar u li dawn suppost kienu ilhomo sena għaddejjin.  Pero ma kien tħallas xejn minn dan l-ammont. Ix-xhud irriżultalu illi apparti din l-Audi kien hemm karozzi oħrajn li ġew akkwistati għaliex kien hemm tpartit ta' vetturi antiki ma' vettura aktar ġdida waqt li kien hemm żieda li riedet titħallas.

Ix-xhud qal li s-sistema ma tippermettilux jagħmel riċerka rigward l-ewwel vettura. Rigward BMW ħamra illi mbagħad tpartet, ix-xhud ma setax jasal għal kif din ġiet akkwistata, importata u b'liema termini u kundizzjonijiet. Is-sistema tippermettilu biss jara x'għandu rreġistrat f'ismu individwu attwalment illum.  Is-sistema tagħti informazzjoni skond il-vettura u mhux skond is-sid għalhekk ma setax dejjem jibqa' sejjer lura. Ix-xhud qal li kien hemm vetturi li rriżultawlu illi l-akkwist tagħhom sar bi tpartit ta' vettura qabel.  Izda ma kienx rriżultalu kif ġiet akkwistata l-ewwel vettura. Rigward il-Corvette, ix-xhud ma setax jgħid kif il-Corvette spiċċat għand is-Sinjura Pop peress illi ma setax jsib lil persuna li allegatament għaddietha lil Pop. Il-persuna li ġġib l-isem ta' Kevin Spiteri illum tinsab mejta.

Ix-xhud ikkonferma li mill-investigazzjonijiet li huwa kien għamel kien irrizulta li kien hemm logħob sostanzjali fil-casinos minn naħa ta' Vince Muscat. Ix-xhud caħad li ma kienx ressaq lil Muscat bl-akkuzi ta' money laundering għax tawh struzzjonijiet biex ma jressqux. Sostna li lil Vincent Muscat kien investigah bħal ma għamel lit-tlett imputati odjerni pero ma kienx rnexxilu jasal biex jakkużah b'money laundering fuq flus li ġejjin minn xi attivita kriminali. Id-differenza li kien hemm bejn Alfred Degiorgio u Vince Muscat hija illi għalkemm kien hemm logħob sostanzjali min-naħa tat-tnejn, l-ammont ta' Alfred Degiorgio kien akbar minn ta' Vince Muscat.

Ix-xhud temm jgħid li mill-Casino di Venezia ma kien ġab l-ebda informazzjoni għax kien magħluq.

**<u>Il-kontro-ezami tas-Supretendent Antonovich Muscat</u>** reġa tkompla fis-seduta tas-sitta (6) ta' Ottubru 2020 (Fol. 2344 et seq). Ix-xhud qal li skont id-dokumenti li ġew prodotti Vince Muscat kien lagħab man-nofs miljun ewro. Kompla jgħid li mill-investigazzjonijiet li għamllu l-Pulizija, George Degiorgio u s-Sinjura Pop qatt ma kienu lagħbu flus fil-casinos. Pero Alfred Degiorgio lagħab xi ħaġa aktar minn nofs miljun.

Meta reġa ġie mistoqsi għalfejn lil Vince Muscat ma kienx resqu l-Qorti meta rrizulta li dan kien lagħab nofs miljun, ix-xhud spjega li l-investigazzjonijiet ma kinux sempliċiment bazati fuq x'intlagħab biss il-Casino. Kien hemm aspetti oħra tal-investigazzjoni bħal kwistjoni ta' impjieg. Fir-records tal-investigazzjoni tax-xhud kien hemm illi għal ċertu perjodu, alavolja qasir, Vince Muscat kellu impjieg ta' self employed. Dan

kuntrarju għal Alfred Degiorgio. Ix-xhud qal wkoll li Vince Muscat kien anke rcieva għajnuna finanzjarja min-naħa tal-familjari tiegħu u kien anke isellef xi ammont ta' flus. Kien hemm ċertu flejjes sostanzjali (bejn mitejn u ħamsin elf u tlett mitt elf ewro) li l-pulizija xorta ma kellhiex risposta għalihom. Ix-xhud kien ħass li bl-informazzjoni li kellu ma kinitx bizzejjed biex imur il-Qorti u kien għalhekk li lil Vince Muscat ma tressaqx il-Qorti fuq ħasil ta' flus. Għamilha cara pero li l-investigazzjoni fl-ebda mument ma kien għalaqha, la fil-konfront ta' Vince Muscat u lanqas fil-konfront ta' terzi persuni. Jekk fil-futur kienet se tirriżulta iktar evidenza jew isir reviżjoni tagħha u jkun hemm bizzejjed informazzjoni biex Vince Muscat jitressaq il-Qorti, ix-xhud ma kien se jkollu l-ebda oġġezzjoni fuq dan.

**<u>Sandro Galea</u>** (Fol. 68 et seq) ġie mitlub jagħmel riċerki rigward erbat (4) itfal: Omissis, Omissis, Omissis u Omissis. Tlieta (3) minn dawn l-erba' (4) jattendu l-iskola Omissis, fejn tnejn (2) minnhom idaħħlu fis-sena skolastika tal-elfejn u sittax/sbatax (2016/17), u ż-żgħir daħal fis-sena skolastika elfejn u sbatax/tmintax (2017/18). Ix-xhud spjega li l-miżati kienu jitħallsu fi flus kontanti mis-Sinjura Pop u x-xhud indikaha fl-awla.

**<u>Ivan Formosa (Fol. 112 et seq)</u>** xehed li d-dgħajsa Maya kienet tiegħu u kien poġġieha għall-bejgħ fil-pontun tal-Imsida u fit-tnejn (2) ta' Frar tal-elfejn u sbatax (2017) ċempillu George Degiorgio biex jaraha. Il-ġurnata ta' wara huma ltaqgħu fit-tlieta (3) sabiex jippruvawha fejn George Degiorgio ġab lil xi nies miegħu li x-xhud ma jafx min kienu. Ix-xhud qal li d-dgħajsa kellha bżonn xi manutenzjoni li ried jagħmilhomlha u wara li għamilhom, ix-xhud niżżel id-dgħajsa l-Marsa u George Degiorgio

ġablu l-flus u ħallsu s-somma ta' tletin elf ewro (€30,000) fi flus kontanti. Ix-xhud indika lill-imputat fl-awla. Ix-xhud qal li għat-transfer ġie Alfred Degiorgio fejn dakinhar rah l-ewwel darba pero x-xhud qatt ma rċieva flus mingħandu.

**Carmelo Fava (Fol. 115 et seq)** xehed li għandu l-propjetà Baystar Court Flat no. 3, Triq it-Tonn, San Pawl li jikrih lil Alfred Degiorgio. Lil Degiorgio kienet ġabitulu aġenzija tal-kiri. Ix-xhud kera l-propjetà lill-imputat minn Awwissu tal-elfejn u sbatax (2017) sa Novembru [tal-elfejn u tmintax (2018)] li jammontaw għal sena u ftit xhur fejn il-kirja kienet ta' tmien mija (800) fix-xahar. Ix-xhud qal li dejjem tħallas tal-kirja minn għand Alfred Degiorgio. Dan kien isir billi jċempillu u jħallilu l-ammont fi flus kontanti. Ix-xhud qal li għandu kuntratt tal-kirja. Ix-xhud indika lil Alfred Degiorgio fl-awla.

**Carmelo Filletti** (Fol 118 et seq) xehed li huwa kellu Corvette C7 ta' kulur abjad li xtraha minn għand Ray Auto Dealer u biegħha għas-somma ta' tlieta u disgħin elf (€93,000) lil Omart Caruana li għandu ħanut f'Buġibba jismu Zigu Bar. Ix-xhud qal li tħallas tal-karozza pero ma jafx rigward reġistrazzjoni peress illi begħhielhu eżatt kif xtraha x-xhud.

**Paul Farrugia** (Fol. 120 et seq) xehed li hukien xtara dgħajsa mill-fabrika Għawdxija Platinum Craft. Huwa kien ordnaha fl-elfejn u tlieta (2003) u ħallas tmintax -il elf (€18,000). Ix-xhud qal li hu ried id-dgħajsa biex jistad u eżatt wara xahar għerraqha peress illi għabbieha biex jitfa ċ-ċimi għax ma jifhimx. Wara li għerraqha, tellewha, għamlet ħames (5) snin fuq il-blat sakemm xi ħadd beda jirraporta lill-pulizija u għalhekk kellu

jneħħiha. Eżatt kif neħħewha kienu marru tad-dgħajjes qalulu li jrid itellagħha għax kienu ġejjin jeħduha peress li ma kinetx irreġistrata. Ix-xhud tellagħha f'yard, tawh erbat elef (€4,000) u biegħha lil ċertu Adrian Agius madwar erba' (4) snin ilu. Ix-xhud qal li ma kienx għad baqa' bilanc x'jitħallas fuq id-dgħajsa. Lanqas ma kien għad baqagħlu jieħu xi flus fuqha.

**Mark Bugeja** (Fol. 124 et seq) xehed li huwa importatur tal-karozzi u ilu f'dan ix-xogħol madwar ħamsa u għoxrin (25) sena. Rigward l-importazzjoni u l-bejgħ ta' Mitsubishi L200 Elegance bin-numru tar-reġistrazzjoni EBT 691 li seħħ fl-elfejn u tlettax (2013), ix-xhud qal li kien importaha mill-Ingilterra pero ma jiftakarx kemm xtraha u lanqas kemm biegħu peress li għaddew fuq ħames (5) snin. Ix-xhud qal li biegħu lil George Degiorgio u indikah fl-awla. Degiorgio kien ħallas depożitu u l-bilanċ tħallas maż-żmien. Huwa jiftakar li tħallas tal-ammont kollu pero ma jiftakarx il-mod ta' kif tħallas. L-arranġament tal-ħlas kien sar bi ftehim pero x-xhud m'għandux kopja tal-ftehim.

In kontro-eżami ix-xhud qal li din il-karozza kienet tintuża l-Ingilterra u ġiet impurtata minn hemm. Ix-xhud ma jafx kemm kienet ilha tintuża l-Ingilterra.

**Osama Enbaiya Albiri (Fol. 130 et seq)** qal li l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IBW 689 li kienet tal-marka Audi AQ3 kien xtraha kważi għoxrin elf ewro (€20,000) minn San Giljan pero ma jiftakarx mingħand min u lanqas is-sena meta. Ix-xhud biegħ il-vettura lil dealer jismu Sean li qiegħed Ħal-Qormi. Huwa ma jiftakarx kemm biegħu eżatt għax kellu d-

dejn miegħu fuq xi karozza u għalhekk naqqaslu minnhom u l-bqija tahomlu. Ix-xhud ta lil Sean il-karozza Q3 biex ibiegħha u hu tah Toyota Vitz. Ix-xhud ma jiftakarx kemm ħa flus minn dan it-tpartit peress illi qisu kull xahar jew xahrejn kien jagħtih madwar erba' mija (€400) jew ħames mija (€500) u jnaqqas mill-karozza. Dan il-perjodu dam madwar sena.

**Sean Vella (Fol. 134 et seq)** xehed li huwa ma tantx jaf fuq il-bejgħ ta' Audi Q3 bin-numru tar-reġistrazzjoni IBW 689 peress illi ilu mill-elfejn u sittax (2016) u minn dak iż-żmien l'hawn ix-xhud lanqas kien għadu bil-bejgħ tal-karozzi u qiegħed b'tal-kiri. Ix-xhud qal li karti li ma jkollhomx bżonnhom wara sitt xhur ma jżommhomx peress li jkun irranġa kollox mal-accountant. Ix-xhud qal li ma jiftakarx lil min biegħ il-karozza peress illi ġieli kien ikun hemm dealer ieħor li jbiegħlu l-karozza jew il-karozza tkun ġiet minn barra u jgħidulu biex jirreġistrahielhom u jħallsuh. Ix-xhud qal li lanqas jiftakar il-karozza, jew il-prezz ta' kemm xtraha pero bejn wieħed u ieħor karozza bħal dik tiswa forsi tmienja u għoxrin elf (€28,000) sa tletin elf (€30,000).

Ix-xhud qal li jiftakar li mar Osama li kien biegħlu Toyota Vitz tal-Ġappun u wrieh il-karozza Q3. Huwa jiftakar li skwerjaw il-kont li Osama kellu jtih u qassamlu l-oħrajn biex itijhomlu max-xogħol li jbiegħ ix-xhud.

Ix-xhud qal li meta marru l-pulizija għandu, hu ħarġilhom l-karti ta' karozzi li baqagħlu l-karti tagħhom li normalment ikunu karozzi li baqagħlu x'jiġbor fuqhom. Fuq il-karozza in kwistjoni, ix-xhud ma kienx għad baqagħlu x'jiġbor minnha peress illi ma għandux karti tagħha. Ix-xhud qal li fittex ħafna pero lanqas kopja tal-log book ma sab għax lill-

ADT tahom kollox. Ix-xhud qal li ma biegħx ħafna Q3. Hu kien armat bil-bejgħ tal-karozzi sa nofs l-elfejn u sittax (2016) u kien f'Ħal-Qormi Mdina Road u r-Rabat ukoll. Illum il-ġurnata x-xhud qal li kien qiegħed bazat San Giljan u Naxxar b'vetturi tal-kiri biss. Ix-xhud ma għaraf lil ħadd fl-awla li seta' xtara jew kera karozza mingħandu.

**<u>Bernard Attard</u>** (Fol. 143 et seq) xehed in rapprezentanza tal-kumpanija Auto Market li għandha showroom tal-karozzi u tirreġistra l-karozzi tal-Ingilterra. Il-kumpanija hija magħmula mix-xhud u ħuh pero x-xhud ilu jieħu ħsiebha għal-aħħar tlett (3) snin. Rigward vettura BMW 320 ħamra bin-numru tar-reġistrazzjoni GBV 078, ix-xhud qal li fl-elfejn u sittax (2016) hu irreġistraha biss. Hu la kien impurtaha u lanqas biegħha. Ix-xhud svela li George Degiorgio s-sid kien importa l-vettura hu stess u imbagħad mar għand ix-xhud biex jirreġistraha. Ix-xhud indika lil George Degiorgio fl-awla. Ix-xhud qal li George Degiorgio iltaqa miegħu u qallu li jixtieq jirreġistraha. Ix-xhud temm jgħid li huwa ipprepara d-dokumenti necessarji u ħadhom Transport Malta.

**<u>James Zammit</u>** (Fol. 147 et seq) xehed li huwa d-direttur ta' J Zammit Limited, kumpanija li tbiegħ il-karozzi. Rigward il-vettura Corvette C7, ix-xhud qal li hu ġabha ġdida minn barra u biegħha fl-elfejn u ħmistax (2015) lil ċertu Charles Filletti. Ix-xhud qal li biegħha erbgħa u disgħin elf (€94,000) pero f'dan il-każ din il-karozza kienet imparta għalhekk il-prezz ma jkunx jirrifletti preċiz fir-realta. Ix-xhud spjega li fil-kuntratt ta' bejgħ ma' Filletti kien hemm arloġġ, karozza Opel Astra u kambjala.

Ix-xhud spjega li meta jkunu qed ibiegħu karozza bid-dejn, huma jitolbu ċertu dokumenti bħal kambjali u xi proof of income. Rigward il-vettura Audi Q7 bin-numru tar-reġistrazzjoni GBU 045, ix-xhud qal li kienu qed ibiegħu l-karozza lil ċertu Anka-Adelina Pop pero d-dokumenti meħtiega mix-xhud qatt ma waslu għalhekk ix-xhud ħa l-karozza lura. Ix-xhud qal li kien qed ibiegħha ħamsa u ħamsin elf ewro (€55,000) u kien hemm karozza oħra Audi bhala deposit li għoddewha tletin elf ewro (€30,000). B'hekk il-bilanċ li kien baqa biex jitħallas kien ta' ħamsa u għoxrin elf (€25,000) li kellu jitħallas elf disa' mija tlieta u għoxrin ewro (€1,923) fix-xahar fuq medda ta' tlettax (13) -il xahar. Dan skond il-ftehim li qatt ma ġie iffirmat. Meta l-bilanċ ma tħallas xejn minnu, in-negozju li għamlu ġie irriversjat permezz tal-kontrakambju tal-Audi li kienu ħadu bħala deposit u taw il-Mercedes E Class bin-numru tar-reġistrazzjoni CCI 342. Ix-xhud qal li huma qablu li l-Mercedes taqta' d-depożitu li kellhom tal-Audi. Dan ġara madwar ftit ġimgħat qabel it-tnax ta' Lulju 2018. Ix-xhud qal li l-Audi kien ilu għandu sitt (6) xhur.

Rigward il-Mercedes bin-numru tar-reġistrazzjoni IBQ 897 dan kien tpartat ma' BMW li kien fix-showroom u li kien wieqaf peress li kellu ħsara fil-gearbox. Ix-xhud qal li ma jafx min kien il-klijent peress illi ma kienx preżenti fix-showroom. Ix-xhud ma jafx għand min sar in-negozju. In-negozju kien sar ma' xi ħadd Degiorgio għax hekk kien jirrizulta mil-log book li kellhom.

Rigward il-ftehim tat-tpartit tal-Q7 mal-Mercedes, il-klijenta kienet Pop. Din kienet preżenti għat-tpartit.

In kontro-ezami x-xhud qal li l-valur li allokaw lil Corvette kien irrilevanti. Kien sar tpartit u z-zewġ partijiet kienu kuntenti b'dak il-ftehim. Kompla jgħid wkoll li għall-fini tat-tpartit mal-karozza Astra u l-arloġġ jkunu taw valur. Dan pero jkun approssimattiv u mhux necessarjament li jirrifletti l-prezz tal-vettura.

**Omar Caruana** (Fol. 174 et seq) xehed li huwa jaħdem f'resturant jismu Zigomar li jinsab il-Qawra. Huwa qal li l-karozza Corvette C7 begħiehlu ċertu Charles Filletti. Caruana imbagħad biegħha lil Adrian Agius mill-ewwel. Għalhekk din qatt ma kienet fuq ismu u lanqas saqha. Ix-xhud qal li Charles Filletti xtara l-Corvette u ħallas xi tlieta (3) jew erba' (4) pagamenti u mbagħad iddeċieda li jbiegħha. Ix-xhud qal li ċemplu lil James dak il-ħin u aċċetta li min se jixtri l-karozza jaqliblu d-dejn. Ix-xhud qal li hu kien qisu sensar għal dan in-negozju. Ix-xhud kompla jgħid li hu kellu karozza Audi li ried ibiegħ. Din biegħha lil Adrian u Adrian tah ħamsa u għoxrin elf ewro (€ 25,000) tagħha. Dawn dam biex ħadhom. Qal wkoll li lanqas kien ħadhom fi flus. Ix-xhud kompla jgħid li l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf ewro (€ 25,000) ħadu tal-karozza Audi li kellu hu bħala parti mis-somma tal-Corvette. Ix-xhud qal li ma jafx kemm kien l-ammont tal-Corvette u lanqas jaf jekk Adrian kompliex iħallas lil ħaddiehor. Ix-xhud qal li huwa ma kien ħareġ xejn flus meta ħa l-Corvette mingħand Charles Filletti.

**Joseph Saliba** (Fol. 206 et seq) xehed in rapprezentanza ta' Jobsplus. Huwa ippreżenta l-employment history u registration history tal-imputati Alfred Degiorgio u George Degiorgio. Rigward Anca-Adelina Pop huwa ipprezenta biss l-employment history. Registration history ta'

Anca Adelina Pop ma setax jiġi ppreżentat għax din qatt ma rreġistrat għax-xogħol.

<u>In kontro-ezami</u>, ix-xhud spjega li rigward it-tieni dokument koncernanti George Degiorgio, fl-ewwel parti il-frażi "nor working and is available for employment" hija miktuba peress li hu kien irreġistra ruħu li qed ifittex xogħol. Fit-tieni parti l-frażi "suspended until eligible for Part 1" tfisser meta bniedem li jirreġistra jkun irrifjuta li jieħu parti f'active measure jew ikun naqas li jattendi għal xi kors li jkun intbgħat għalih, jew inkella ma jkunx għamel l-almu tiegħu biex isib ix-xogħol. Ix-xhud kompla jgħid li jista' jkun hemm diversi raġunijiet għalfejn persuna taqa' f'Part 2 tar-reġistru. Imma hu ma kienx għamel din it-tip ta' tfittxija għal dan il-każ.

Ix-xhud kompla jispjega li sospensjoni normalment iddum sitt (6) xhur u imbagħad kif jgħaddi dan il-perijodu, il-persuna mit-tieni parti tmur fl-ewwel parti tar-Reġistru. Ix-xhud spjega li George Degiorgio dam sad-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar tal-elfejn u tmienja (2008) fejn kien jaqa taħt it-tieni parti peress illi kellu interview u ma attendiex għalhekk ma pparteċipax attivament fit-tfittxija tax-xogħol.

Rigward l-ewwel dokument li hu l-Port Worker Scheme, Port Workers Marsa li esebixxa x-xhud fill-konfront ta' Alfred Degiorgio, Degiorgio kien jaħdem mill-elf disa' mija erbgħa u tmenin (1984) sal-elf disa' mija sittax u tmenin (1986) ma din l-iskema. Ix-xhud spjega li l-imputat wara kien jaħdem mal-MedServ u ma' Black Bull Bar. It-tieni dokument juri li hu rreġistra li kien qed ifittex impjieg sat-tletin (30) ta' Awwisu elfejn u sbatax (2017).

Ix-xhud qal li Anca-Adelina Pop ilha self-employed mill-elfejn u tnax (2012) li jfisser li skond il-Legal Notiece tal-elf disa' mija tlieta u disgħin (1993) hija timla l-commencement of employment form. Meta persuna self-employed tieqaf taħdem, din għanda tissottometti termination form u fil-każ ta' Anca-Adelina Pop ma hemm l-ebda termination form u għalhekk jidher li għadha taħdem.

**<u>Ivan Cilia</u>** (Fol. 217 et seq) xehed in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali. Ix-xhud qal li George Degiorgio kien ilu jirċievi l-għajnuna soċjali għad-disimpjieg b'effett mill-erbgħa (4) ta' Ġunju elfejn u tnejn (2002) u waqfu fil-ħmistax (15) ta' Diċembru elfejn u sbatax (2017). Degiorgio irċieva ukoll Children's Allowance għal diversi perjodi b'effett mis-sittax (16) ta' Frar elfejn u tmienja (2008) illi l-ewwel kienu fuq wild, imbagħad fuq żewġt (2) itfal u imbagħad tliet (3) itfal.

Ix-xhud qal li Alfred Degiorgio kien irċieva l-istess għajnuna soċjali b'effett mill-għoxrin (20) ta' Lulju elfejn u tnejn (2002), kien waqaf fil-ħamsa (5) ta' Mejju elfejn u sittax (2006) u fis-sbatax (17) ta' Settembru tal-elfejn u sittax (2016) reġa beda jieħu l-għajnuna soċjali sat-tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru elfejn u sbatax (2017). Ix-xhud żied jgħid illi Alfred Degiorgio kien jirċievi wkoll supplementary allowance li jingħata meta wieħed ma jkollux dħul ta' disat elef (9,000). Ix-xhud qal li Pop ma tirċievi l-ebda benefiċċju u qatt ma rċieviet xejn mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali.

**<u>In kontro-ezami,</u>** ix-xhud qal li ma setax jagħmel riċerka aktar lura mill-elf disa' mija ħamsa u disgħin (1995). Ix-xhud qal li George Degiorgio għandu children's allowance għal tlett (3) itfal. Kompla jgħid li l-imputat kien ukoll jirċievi għajnuna soċjali għax kien reġistrat bħala single parent li qed jieħu ħsieb it-tfal. Il-benefiċċji li kienu jingħataw lil George Degiorgio waqfu fil-ħmistax (15) ta' Diċembru tal-elfejn u sbatax (2017) għaliex id-Dipartiment ġie nfurmat mill-Faċilita Korrettiva illi s-sur Degiorgio kien qiegħed il-ħabs u hemmhekk ikun qed jiġi mantnut mill-istat permezz ta' għajnuna soċjali.

Ix-xhud qal li Alfred Degiorgio kien qed jirċievi kemm għajnuna soċjali kif ukoll għajnuna għad-disimpjieg.

Ix-xhud qal li huwa qabel it-taħrika qatt ma ntalab personalment mill-Ispettur jew mid-Dipartiment tal-Pulizija biex jagħti xi informazzjoni fuq xi benefiċċji soċjali li kienu qed jirċievu l-imputati.

Fix-xhieda li huwa ta fis-seduta tas-sebgħa (7) ta' Settembru 2018, Ivan Cilia (Fol. 623 et seq) xehed li hu kellu jagħmel xi riċerka jekk kienx hemm komunikazzjoni mad-Dipartiment minn naħa tal-Ispettur Muscat rigward jekk l-imputati kinux qegħdin jircievu għajnuna socjali. Kienet intbagħtet ittra fejn l-Ispettur talab informazzjoni jekk f'Mejju 2018 l-imputati kinux qegħdin jircievu għajnuna socjali. It-tweġiba li ingħatat mill-assistent direttur George Cremona kienet li l-imputati ma kienu qegħdin jircievu l-ebda beneficcju f'Mejju 2018. Ix-xhud għamilha cara t-talba għall-informazzjoni kienet limitata għal Mejju 2018.

**<u>Joseph Debono</u>** (Fol. 226 et seq) xehed in rappreżentanza tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Rigward dikjarazzjonijiet ta' dħul, ix-xhud qal li l-imputat Alfred Degiorgio kien irreġistrat għat-taxxa u bagħat il-prospetti tat-taxxa tas-snin bażi elfejn u sitta (2006), elfejn u sebgħa (2007), elfejn u tmienja (2008) u elfejn u disgħa (2009), jiġifieri snin ta' stima elfejn u sebgħa (2007), elfejn u tmienja (2008), elfejn u disgħa (2009) u elfejn u għaxra (2010) rispettivament. Ix-xhud qal li dan ma jfissirx illi qabel l-elfejn u sitta (2006) ma kinux ntbgħatu wkoll pero x-xhud għamel medja tal-aħħar għaxar (10), tnax (12) -il sena.

Mill-verifiki li għamel il-Kummissarju tat-Taxxi rigward George Degiorgio u Anca-Adelina Pop deher illi dawn mhumix irreġistrati għal fini ta' taxxa.

**<u>Paul Scicluna</u>** (Fol. 251 et seq) xehed in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-VAT. Ix-xhud qal li mir-riċerka li għamel personalment irriżulta li la George Degiorgio ma huwa irreġistrat għal-taxxa fuq il-valur miżjud u lanqas Alfred Degiorgio u Anca-Adelina Pop. Ix-xhud qal li t-tlett imputati lanqas ma għandhom kumpanija f'isimhom jew inkella jokkupaw il-kariga ta' direttur f'xi kumpanija.

**<u>Brian Saliba</u>** (Fol. 253 et seq) xehed in rappreżentanza tad-Dipartiment tad-Dwana. Qal li mir-riċerka li għamel ma sab l-ebda dikjarazzjoni ta' flejjes abbażi tal-Liġi sussidjarja 233.07 fis-sens li kien hemm tranżitu ta' flus -il fuq minn għaxar telef ewro (€10,000) meta l-imputati kienu deħlin jew ħerġin mill-Border Controls minn Malta.

**<u>Marisa Frendo</u>** (Fol. 255 et seq) xehdet in rappreżentanza ta' Bank of Valletta. Hija qalet li mir-riċerki li għamlu sabu kont f'isem George Degiorgio li nftetaħ fl-elfejn u tnejn (2002) u li kien ilu ma jitħaddem. Il-bilanċ fih kien anqas minn għaxar ewro (€10).

**<u>Andrew Mckay</u>** (Fol. 266 et seq)[1] xehed in rappreżentanza ta' HSBC Bank. Ix-xhud qal li Anca-Adelina Pop ma għandix kont mal-bank tagħhom. Rigward George Degiorgio ix-xhud qal li dan għandu kont li huwa loan u li għadu hemm u kellu ukoll żewġ (2) savings account li kienu ingħalqu. Rigward Alfred Degiorgio, ix-xhud qal li dan ma kellux kontijiet magħhom. Pero kellu loan account li ingħalaq.

**<u>Anthony Demarco</u>** (Fol. 362 et seq) xehed in rappreżentanza ta' Lombard Bank. Huwa qal li Anca-Adelina Pop għandha kontijiet mal-bank u kellha bilanċ ta' ħames mija wieħed u sittin punt sebgħa u disgħin ewro (€561.97). Dan kien Pay Account li normalment jinfetaħ permezz tal-Uffiċċju Postali pero l-kont ikun miżmum mal-bank. Ix-xhud spjega li jintuża l-aktar għal pagamenti żgħar u mhuwiex xi kont li fih transfers kbar. Infatti kont ta' dan it-tip ma jistax ikollu iktar minn tmien t'elef ewro (€8,000) fih. Mir-riċerka li għamel ix-xhud, huwa sab transazzjonijiet bil-Visa Card fi ħwienet u kien hemm xi depożiti ta' flus. Ix-xhud spjega li l-Visa hija tal-Lombard Bank.

**<u>Dr Sonia Consiglio</u>** (Fol. 372) prezentat u ikkonfermat ir-ricerki dwar it-trasferimenti u l-passivita li saru fuq isem it-tlett imputati.

---

[1] Andrew Mckay kien xehed bil-lingwa Ingliza u t-traduzzjoni tad-deposizzjoni tiegħu saret minn Dr Marisa Mifsud. Din ġiet prezentata fis-seduta tal-11 ta' Settembru 2018. Fol. 915 tal-process.

**Michael Savona** (Fol. 401 et seq) xehed in rappreżentanza ta' Transport Malta u Martime Authority. Ix-xhud qal li mir-riċerka li għamlu irriżulta li Anca-Adelina Pop m'għandha xejn irreġistrat taħt il-bandiera Maltija filwaqt li Alfred Degiorgio għandu dgħajsa Maya rreġistrata. George Degiorgio għandu d-dgħajsa Ducu.

**In kontro-eżami**, ix-xhud qal li x'ħin wieħed jara Certificate of Survey tad-dgħajsa jirriżulta l-għamla u l-mudell tagħha, kif ukoll meta nbniet u x'magni għandha fost ħafna affarijiet oħra.

**Karen Cremona** (Foll. 628 et seq) xehdet pin rappreżentanza ta' Transport Malta. Hija ppreżentat kopja tal-files ta' tmien (8) vetturi. Dawn huma l-vettura Audi A4 bin-numru tar-reġistrazzjoni LCW 889 li għandha pjanċi personalizzati DEN JAD, Mitsubishi L22 bin-numru tar-reġistrazzjoni EBT 691, BMW 320d bin-numru tar-reġistrazzjoni GBV 078, Corvette C7 bin-numru tar-reġistrazzjoni JBW 214 bil-pjanċi personalizzati DAVIDUCU, Audi Q7 bin-numru tar-reġistrazzjoni GBU 045 bil-pjanċi personalizzati DANNY, Mercedes Benz E220 bin-numru tar-reġistrazzjoni CCI 342, Audi Q3 bin-numru tar-reġistrazzjoni AMI 879, u Mercedes Benz C 220 bin-numru tar-reġistrazzjoni IBQ 897. Ix-xhud qalet li d-dokumentazzjoni tinkludi l-rcevuti tar-reġistrazzjoni imħallsa kif wkoll l-istimi tal-vetturi reġistrati.

**Paul Vassallo** (Fol. 919 et seq) xehed in rappreżentanza ta' Fexserv Financial Services u esebixxa rekord ta' diversi transazzjonijiet. Fil-konfront ta' George Degiorgio kien hemm żewġ (2) transazzjonijiet fejn

George Degiorgio rċieva xi flus f'Malta mill-Western Union. Ix-xhud esebixxa sett ta' tnejn u ħamsin (52) transazzjoni ta' flus li George Degiorgio bagħat il barra minn Malta. Fil-konfront ta' Alfred Degiorgio, ix-xhud esebixxa tmien (8) transazzjonijiet fejn dan bagħat flus barra minn Malta. Fil-konfront ta' Anca-Adelina Pop ix-xhud esebixxa sebgħa u ħamsin (57) transazzjoni li għamlet fejn bagħatet il-flus barra minn Malta. Ix-xhud esebixxa wkoll sett ta' tnejn u għoxrin (22) transazzjoni li l-imputata Pop irċiviet kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta minn Western Union. Dawk li saru barra minn Malta peress li jkunu ntbgħatu minn Malta mis-servizzi tal-Western Union xorta għandhom rekords tagħhom. Ix-xhud spjega li meta jkun hemm transazzjoni ta' dan it-tip, il-persuna li tagħmel it-transazzjoni mal-Western Union trid tiġi personalment fil-Bureau, tippreżenta l-ID Card u l-Passaport u b'hekk tkun tista tagħmel transazzjonijiet jew tiġbor it-transazzjoni. Fil-każ ta' dawn it-transazzjonijiet il-metodu ta' ħlas kien flus kontanti peress li fil-Western Union wieħed ma jistax jippreżenta cheque.

**<u>In kontro-ezami</u>**, b'riferenza għall-flus li kien rcieva George Degiorgio, ix-xhud indika li r-ricerka kienet saret fuq perijodu ta' ħames snin lura. Dan peress li l-liġi tobbligahom imorru biss ħames (5) snin lura. Fiż-żewġ instanzi li George Degiorgio rcieva l-flus, dawn ntbgħatu mill-Ingilterra minn ċertu James Rivers.

**<u>Neville Aquilina</u>** (Fol. 1061 et seq) xehed in rappreżentanza tad-Dragonara Casino. Huwa qal li mir-riċerka li għamel irriżulta li Anca-Adelina Pop mhijiex irreġistrata u għalhekk qatt ma attendiet ġewwa l-Casino. Rigward George Degiorgio, ix-xhud qal li dan huwa rreġistrat u

mar darba fit-tletin (30) ta'Ottubru elfejn u erbatax (2014) pero kienet żjara u ma kienx lagħab peress illi ma kellux play profile. Rigward Alfred Degiorgio, ix-xhud qal li kien jattendi regolari l-Casino fejn l-aħħar ġurnata li attenda kien fid-dsatax (19) ta' Jannar elfejn u sbatax (2017), attenda fis-snin tal-elfejn u tlettax (2013), elfejn u sittax (2016) u elfejn u sbatax (2017). Ix-xhud spjega li fis sena kollha tal-elfejn u tlettax (2013) huwa lagħab l-ammont ta' ħdax -il elf tmien mija u ħamsin ewro (€11,850) [2] u globalment bħala telf matul dik is-sena l-imputat kellu elfejn tliet mija u ħamsin (€2,350). Fl-elfejn u sittax (2016), f'sena sħiħa kellu drop (l-ammont kemm lagħab) kien ta' tnax -il elf disa' mija u tletin (€12,930) u kellu telf ta' elfejn sitt mija u għaxra (€2,610). Fis-sena elfejn u sbatax (2017) kien hemm drop ta sittax -il elf mija u tmenin (€16,180) u kien hemm telf ta' tlettax -il elf u tletin ewro (€13,030). Ix-xhud esebixxa dokument li huwa breakdown tat-transazzjonijiet kollha ġurnata b'ġurnata ta' kull meta Alfred Degiorgio żar l-Casino u jindika il-buying u cioe id-drop ta' kemm lagħab u hemm ukoll ir-riżultat ta' jekk kienx hemm rebħ jew telf.

In kontro-ezami, ix-xhud spjega li s-sistema tal-casino taħdem billi persuna li tidħol il-Casino tirreġistra fir-Reception Area billi tagħti l-karta tal-identità. Wara li wieħed ikun ġie irreġistrat ikun jista jidħol ġewwa l-Casino u jilgħab. Normalment il-logħob ikunu slot machines jew inkella tables jiġifieri roulette. Ix-xhud qal li kien hemm drabi fejn Alfred Degiorgio nefaq kull ma xtara l-Casino stess pero kien hemm drabi fejn ħareġ rebbieħ. Ix-xhud spjega li t-terminu 'bonus points' indikat fid-

[2] L-ammont ma jaqbilx maċ-ċifri

dokument li ġie prezentat minnu huwa użat mill-Casino tagħhom għal skopijiet ta' marketing. Dan jfisser li hemm xi ġranet u ħinijiet partikolari fejn player li jkun prezenti jingħata bonus points li jistgħu jiġu msarrfa bħala xorb, ikel jew bħala play vouchers. Kull elf (1,000) point huwa voucher. Fuq il-kont ta' Degiorgio hemm mija ħamsa u għoxrin elf u mija sitta u erbgħin (125,146) bonus points.

__Abigail Fenech__ (Fol. 1065 et seq) xehdet in rappreżentanza ta' Portomaso Casino u Oracle Casino. Għar-rigward George Degiorgio u Anca-Adelina Pop, ix-xhud qalet li dawn qatt ma rreġistraw f'Portomaso Casino jew Oracle Casino. Pero Alfred Degiorgio rriżulta li rreġistra l-ewwel darba fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru elfejn u disgħa (2009). Huwa għamel għoxrin żjara ġewwa Oracle Casino u hemm Alfred Degiorgio kellu erbgħin elf u mitejn u għaxar ewro (€40,210) f'transazzjonijiet li minnhom huwa tilef wieħed u tletin elf seba' mija u sittin ewro (€31,760). Degiorgio żar Portomaso Casino tmienja u erbgħin (48) darba fejn għamel erba' mija ħamsa u sebgħin elf u disa' mitt ewro (€475,900) fi transazzjonijiet li minnhom huwa tilef sittax -il elf tliet mija u erbgħin ewro (€16,340). Meta wieħed jitkellem fuq l-ammont tat-transazzjoni, dawn ikunu l-flus li huwa poġġa fuq l-imwejjed biex lagħab.

**In kontro-ezami**, ix-xhud qalet li xogħolha hu MLRO ta' Tumas Gaming u Senior Shift Manager ta' Oracle Casino. Hija spjegat illi kien hemm drabi fejn Degiorgio ħareġ rebbieħ u oħrajn fejn ħareġ tellief. It-terminu 'cash out' huwa l-ammont li l-klijent ikun ppreżenta ġol-cash desk bħala ċippep u ħadhom bħala flus. Dan l-ammont jirriżulta mid-differenza bejn l-

ammont li hu tefa' fuq l-imwejjed u l-ammont li hu sarraf. Ix-xhud spjega li l-flus issarfu bejn l-elfejn u ħdax (2011) u l-elfejn u tnax (2012).

**Slawomir Switalski** (Fol. 1084 et seq) xehed in rappreżentanza ta' Casino Malta. Ix-xhud qal li r-rekords juru li Alfred Degiorgio biss żar Casino Malta għaxar darbiet bejn Diċembru elfejn u sittax (2016) u Jannar elfejn u sbatax (2017). Matul dawn l-għaxar żjarat, ix-xhud qal li Degiorgio lagħab erba' u tletin elf u ħames mija ewro (€34,500) u rebaħ erba' u għoxrin elf ewro (€24,000). Il-medja ta' dawn iż-żjarat hi ta' tlett siegħat, medja ta' imħatri fuq l-imwejjed hi ta' erba' mitt ewro (€400). Ix-xhud qal li mill-informazzjoni kollha li għandu, Degiorgio rebaħ erbgħa u għoxrin elf u disa' mitt ewro (€24,900).

**Dr Ravindra Omprakash Agarwal** (Fol. 1110) xehdet biss in konnessjoni ma' talba sabiex l-imputat George Degiorgio jattendi għall-appuntament mediku f' St James Clinic.

**PC 1272 Stephan Scicluna** (Fol. 1119 et seq) ikkonferma li fis-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju hu kien preżenti fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin fejn ttieħdet l-isqarrija ta George Degiorgio mill-Ispettur Antonovich Muscat. Qabel ma ttieħdet din l-istqarrija lil Degiorgio ingħatawlu d-drittijiet tiegħu fejn hu xtaq li jkollu preżenti għall-istqarrija lil Dr William Cuschieri. George Degiorgio ma ffirmax l-istqarrija. Ix-xhud għaraf lill-imputat fl-awla. ix-xhud qal li kien ukoll preżenti għall-isqarrija li ttieħdet lil Alfred Degiorgio fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin fejn ingħatawlu d-drittijiet legali tiegħu pero irrifjuta li jkollu avukat preżenti. Alfred

Degiorgio lanqas iffirma id-dikjarazzjoni. Ix-xhud indika lill-imputat fl-awla.

Ix-xhud qal li fl-istess ġurnata hu kien preżenti ukoll fl-uffiċju tal-Ispettur Antonovich Muscat fejn ttieħdet l-istqarrija ta Anca-Adelina Pop. Hija kienet ingħatat id-drittijiet legali tagħha u għażlet li jkollha preżenti magħha lil Dr William Cuschieri. Pop għażlet li ma tiffirmax l-istqarrija. Ix-xhud għaraf lil Pop fl-awla.

**Lawrence Formosa** (Fol. 1121 et seq) xehed in rappreżentanza ta Citadel Insurance. Ix-xhud qal li George Degiorgio għal perjodu mill-elfejn u ħamsa (2005) sal-elfejn u tmienja (2008) kellu polza tal-assigurazzjoni fuq dgħajsa li kienet inxurjata ma' Citadel Insurance. F'dan il-perjodu George Degiorgio ma kellux claims.

**George Stagno Navarra** (Fol. 1132 et seq) xehed in rappreżentanza ta' Elmo Insurance. Ix-xhud qal li Alfred Degiorgio kellu mutur Yamaha bin-numru tar-reġistrazzjoni FAD 238 fil-perjodu sbatax (17) ta' April elfejn u tnax (2012) sat- tletin (30) ta' Ġunju elfejn u tnax (2012). Fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Awissu elfejn u sittax (2016) Alfred Degiorgio wkoll kien assigura karozza BMW għal ġurnat. Din kienet magħrufa b'ittra 'G' biss pero x-chassis number tagħha huwa 71182. Ix-xhud spjega li l-ġurnata ta' wara ċioe fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu elfejn u sittax (2016) sad-disgħa (9) ta' Settembru elfejn u sittax (2016), l-istess vettura bl-istess chassis number ġiet irreġistrata u assigurata fuq is-Sur George Degiorgio. Ix-xhud qal li l-BMW320 bix-chassis number 71182 reġgħet kienet assigurata f'isem Alfred Degiorgio mid-disgħa (9) ta' Settembru elfejn u sittax (2016)

sal-għaxra (10) ta' Marzu elfejn u sbatax (2017). Ix-xhud kompla jgħid illi George Degiorgio għandu vettura Mercedes bin-numru tar-reġistrazzjoni IBQ 897, bix-chassis number 757656 li kienet assigurata mal-Elmo mill-ewwel (1) t'Ottubru elfejn u sbatax (2017) sat-tletin (30) ta' Settembru elfejn u tmintax (2018).

**Angelita Delicata** (Fol. 1139 et seq) xehdet in rappreżentanza ta Atlas Insurance. Ix-xhud qalet li Alfred Degiorgio kellu polza magħhom għal dgħajsa jisimha Maya, Wellcraft 28. Din kienet inxurjata mal-Atlas bejn Marzu tal-elfejn u sbatax (2017) u Frar tal-elfejn u tmintax (2018).

**Leslie Borg** (Fol. 1157 et seq) xehdet in rappreżentanza ta' Peak Insurance. Ix-xhud spjegat huma brokers u għalhekk ġeneralment ix-xogħol jgħadduh għand kumpaniji li diġa taw ix-xhieda tagħhom. Ix-xhud qalet li sabet karozzi nxurjati fuq it-tlett imputati. Dawn kollha kienu skaduti ħlief għal vettura Merecedes. Ix-xhud pero ma kellhiex in-numru tagħha għaliex meta inxurjawha ma tawhiex. Fuq George Degiorgio kien hemm Audi u BMW; fuq Alfred Degiorgio kien hemm Kia Avella; u taħt Anca-Adelina Pop kien hemm Audi Chevrolet u Audi ieħor u l-Mercedes.

**Adrian Agius** (Fol. 1172 et seq) xehed li l-Corvette C7 kien partatha ma' Omar Caruana billi tah karozza Toyota u arloġġ u wara biegħha lil ċertu Kevin Pace mill-Gżira għal ħamsin jew sittin. Ix-xhud qal li kien xtara dgħajsa Ducu mingħand ċertu Paul Farrugia li wara biegħha lil George Degiorgio li x-xhud għaraf u indikah fl-awla. Ix-xhud qal li kien biegħhielu tliet elef (3,000) u kien tħallas fi flus kontanti. Kien tħallas bir-rata ta' mitt ewro (€ 100) fix-xahar għalhekk dam snin biex tħallas.

**WPC 362 Kimberly Vella** (Fol. 1193 et seq) xehdet li fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju elfejn u tmintax (2018) hija kienet preżenti għall-istqarrija ta Anca-Adelina Pop. Pop kienet ingħatat id-drittijiet tagħha u fil-fatt ikkonsultat ma' Dr William Cuschieri li kien preżenti għall-istqarrija. Pop għażlet li ma tiffirmax l-istqarrija. Ix-xhud qalet li fis-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju elfejn u tmintax (2018) kienet preżenti fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin meta Alfred Degiorgio ngħata d-drittijiet legali tiegħu pero irrifjuta li jikkonsulta mal-avukat tiegħu kif ukoll li jiffirma id-dikjarazzjoni ta' rifjut.

**Dr Anna Portelli** (Fol. 1195 et seq) xehdet in rappreżentanza ta' Argus Insurance. Mir-ricerka li saret ma irrizultax li l-imputati kellhom poloz ta' assikurazzjoni ma' Argus Insurance.

Fis-seduta tat-tletin (30) ta' Ottubru 2018 (Fol 1211 et seq) tal-process, ix-xhud qalet li saret ricerka fil-passat dwar jekk l-imputati kellhomx poloz ta' assikurazzjoni mal-kumpanija. Irrizulta li kien hemm vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni OOM 323 irreġistrata fuq George Degiorgio li kienet assikurata magħhom bejn l-ewwel ta' April elfejn u għaxra (2010) sal-wieħef u tletin ta' Marzu elfejn u tlettax (2013). Rigward Alfred Degiorgio u Anca-Adelina Pop ma rriżultax li qatt kienu inħarġu poloz ta' assikurazzjoni fuqhom.

**Dr Lara Agius** (Fol. 1197 et seq) xehdet in rappreżentanza ta' Mapfre Middlesea. Ix-xhud qalet li George Degiorgio ma kellu l-ebda polza ta' assikurazzjoni in vigore magħhom. Kellu Mitsubishi, BMW u Audi li

kollha pero skadew. Ix-xhud ipprezentat dokument li minnu jirrizulta l-premiums imħallsa kif wkoll l-ammont assikurat.

**Emanuel Scriha (Fol. 1208 et seq)** in rapprezentanza tar-Reġistratur tal-Qrati Civili esebixxa affidavit ta' George Degiorgio ppreżentat fil-kawża ċitazzjoni numru 1030/2011 fl-ismijiet 'Dove Trading Company Limited kontra George Degiorgio' fil-Prim Awla tal-Qorti ċivili.

Il-**Kurunell Alexander**[3] **Dalli** (Fol. 1263 et seq), CO 85 **Roderick Mifsud CO 85** (Fol. 1266 et seq) u l-**imputat George Degiorgio** (Fol. 1270 et seq) xehdu in konnessjoni mat-talba tal-istess imputat George Degiorgio sabiex huwa jattendi għall-kura dwar uġiegħ li kien qed isofri fi sptar pubbliku jew privat.

**Eunice Grech Fiorini** (Fol. 1354 et seq) esebiet l-elenku tal-assi tal-imputati Alfred Degiorgio, George Degiorgio u Anca-Adelina Pop.

**Max Borg Bonello** (Fol. 1753 et seq) xehed in rappreżentanza ta' Argus Insurance Agency. Ix-xhud qal illi George Degiorgio kellu vettura BMW 325 bin-numru tar-reġistrazzjoni OOM 325 inxurjata magħhom. Din kienet assikurata magħhom mill-ewwel (1) ta' April 2010 sal-wieħed u tletin (31) ta' Marzu tal-elfejn u tlettax (2013). Fuq tlett snin l-imputat ħallas premia ammontanti għal elf tlett mija sebgħa u disgħin (€ 1,397).

---

[3] Ġie riferut bħala Vincent Dalli fl-aħħar tax-xhieda.

**Mary Rose Carabott** (Fol. 1758 et seq) xehdet li hija kellha relazzjoni mal-imputat George Degiorgio bejn l-elf disa' mija erbgħa u disgħin (1994) sal-elfejn u wieħed (2001). Ix-xhud qalet li matul din ir-relazzjoni it-tnejn flimkien fl-elf disa' mija ħamsa u disgħin (1995) kienu xtraw post għalihom fejn joqgħodu fi Triq l-Għabex f'San Pawl il-Baħar mingħand ċertu Giovann li kien ħabib tagħhom. Giovann kien tahom iċ-ċavetta sabiex imorru jaraw il-blokka flattijiet li kienet mibnija u lesta pero kien fadal l-aħħar ftit xogħolijiet xi jsiru. Ix-xhud u Degiorgio għażlu waħda mill-penthouses li kienet tiswa tletin elf lira Maltija (LM 30,000). Il-penthouse tħallset permezz ta' flus kontanti li kienu ta' George Degiorgio u x-xhud ma tafx mnejn ġabhom. Il-flus tħallsu kollha f'daqqa meta Giovann, ix-xhud u George Degiorgio iltaqgħu id-dar tax-xhud. Ix-xhud stqarriet illi la kien sar konvenju u lanqas kuntratt ta' bejgħ tal-penthouse u hi taħseb illi llum il-ġurnata l-post jgħajjat lil George Degiorgio.

**In kontro-ezami**, ix-xhud qalet li dakinhar hija kellha flus tagħha u t-tnejn kienu jgħinu lil xulxin finanzjarjament. Qabel ma x-xhud iltaqgħet ma' George Degiorgio hija kellha xi proċeduri ta' separazzjoni għaddejjin u kienet biegħet xi post. Pero ma tafx għal kemm inbiegħ.

**Darren Borg** (Fol. 1762 et seq) xehed li huwa kien jaf lil George Degiorgio u Alfred Degiorgio peress illi madwar ħmistax (15) -il sena ilu, George Degiorgio kien xtara dgħajsa mingħand ċertu Govann. Ix-xhud kien preżenti għal ħlas ta' din id-dgħajsa. Giovann kellu ħanut f'Buġibba jismu Hannibal u kien f'dan il-ħanut li sar il-ħlas ta' din id-dgħajsa. Ix-xhud qal li waqt li kien qiegħed ma' Alfred Degiorgio ċempillu George Degiorgio biex itellgħalu l-flus. Id-dgħajsa kienet tiswa għaxar t'elef liri Maltin

(LM10,000) li tħallsu fi flus kontanti. Ix-xhud qal li ma jafx mnejn George Degiorgio kien ġab il-flus. In kontro-ezami ix-xhud qal li hu l-flus ma kienx għoddhom u hu sempliciment kien akkumpanja lil Alfred Degiorgio.

**<u>PS 1289 Andre Cassar</u>** (Fol. 1829 et seq) xehed li fit-tnax (12) ta' Settembru elfejn u ħmistax (2015) kien stazzjonat it-Traffic u kien qiegħed patrol Triq is-Salina in-Naxxar. Huwa ra Corvette b'reġistrazzjoni Ġermaniża SU77D. Ix-xhud spjega li karozza importata jkollha data tal-iskadenza li tkun wieħed u għoxrin (21) ġurnata u f'dan il-każ il-pjanċa kienet turi li kienet skaduta. Ix-xhud qal li marru wara l-karozza u baqgħu deħlin il-Magħtab. Huma waqqfu l-persuna li kien qed isuq il-vettura li kien George Degiorgio. Ix-xhud saqsa lil George Degiorgio għala kien qiegħed b'vettura li kellha l-pjanċi skaduti meta suppost irreġistra l-karozza. Degiorgio qal lix-xhud li l-karozza kien xtraha mitt elf ewro (€ 100,000) mingħand ċertu James li jiġi t-tifel ta' Ray Auto Dealer u kellu r-reġistrazzjoni tagħha erba' t'elf ewro (€ 4,000) u ma kienx jaf li pjanċa kienet skaduta. Ix-xhud qal li sussegwentament ippruvaw jitowjaw il-karozza pero peress li kienet vettura baxxa ħafna ma kellhomx vettura biex iġorruha. Għalhekk mar ċertu Robert Agius li hu ħabib ta' George Degiorgio li ġab trial run plates miegħu – 'trial run 197'. Il-karozza instaqet lejn id-depot. Hemmhekk ġew ippreżentati d-dokumenti li l-karozza se tiġi rreġistrata u għalhekk din ġie released. Ix-xhud għaraf lill-imputat George Degiorgio fl-awla.

**<u>In kontro-eżami,</u>** ix-xhud qal li kienu ħarġu xi akkużi fil-Qorti Kriminali pero li jiftakar hu li Degiorgio kien ġie lliberat minn dawk l-akkużi. Ix-

xhud qal li ma kienx ta' caution lil George Degiorgio qabel ma saqsih il-mistoqsijiet.

**<u>PC979 Daniel Mohr</u>** (Fol. 1833 et seq) xehed b'riferenza għar-rapport numru 9V2138/2016. Ix-xhud spjega li kien hu li irreġistra dan ir-rapport dwar każ li seħħ fl-għaxra (10) ta' Mejju elfejn u sittax (2016) koncernanti George Degiorgio. Ix-xhud qal li waqt li kien xogħol second watch ġewwa l-għassa tal-Qawra, huma ħarġu fuq bicca xogħol fi Triq l-Arznell, San Pawl il-Baħar. Huma u sejrin x'ħin waslu fiTriq Luigi Preziozi fejn hemm ir-roundabout, innutaw li kien hemm vettura Chevrolet Corvette bajda bin-numru tar-reġistrazzjoni DAVID CUCU pparkjata fuq double yellow line mat-tarf tar-roundabout. Ix-xhud waqaf ħdejn l-imsemmija vettura u ġibed l-attenzjoni ta' sid il-karozza li kien George Degiorgio. Ix-xhud għaraf u indika lil George Degiorgio fl-awla. Ix-xhud staqsih jekk il-vettura kinitx tiegħu fejn Degiorgio wieġbu "Heqq mela tiegħek jew?". Ix-xhud talbu ġentilement biex ineħħi l-vettura. Degiorgio ma wera l-ebda intenzjoni li jneħħijha u għat-tieni darba reġa' staqsih biex ineħħiha. Dan qallu li se jneħħiha pero x-xhud qallu biex ineħħiha issa inkella kien se jinħareġ ċitazzjoni fejn dak il-mument huwa qam biex ineħħi l-vettura u x-xhud mar biex ikompli fuq xogħolu.

Wara li x-xhud lesta xogħlu fi Triq l-Arznell huwa għadda mill-istess triq fejn kien lemaħ il-Corvette l-ewwel darba. Il-vettura ma kinitx għadha ipparkjata fl-istess post fejn kien lemaħha qabel. Din id-darba l-vettura kienet ipparkjatha fuq double yellow line in-naħa l-oħra tat-triq ħdejn id-dar tal-anzjani. Ix-xhud ipparkja l-karozza tas-servizz tiegħu ħdejn il-Corvette u ta ċitazzjoni. F'dak il-mument Degiorgio ħareġ minn Chrisies

Bar u staqsha lix-xhud għala reġa mar u x-xhud għamillu sinjal b'idejh biex jmur ħdejh sabiex jispjegalu x'kienu l-intenzjonijiet tiegħu. Ix-xhud qal li f'dak il-mument Degiorgio beda jidgħi u jgħajjat kemm jiflaħ min-naħa l-oħra tat-triq u mar ħdejn ix-xhud b'mod aggressiv. Ix-xhud spjegalu li hu kien ipparkjat ħażin l-ewwel darba u flok it-tieni darba ipparkja bħan-nies reġa ipparkjaha illegali għalhekk kien se joħroġlu ċitazzjoni. F'dak il-ħin Degiorgio beda jgħid lix-xhud li jaf min hu u li se jpattihielu. Ix-xhud qal li inħarġu żewġ ċitazzjonijiet; wieħed rigward il-fatt li kien ipparkjat fuq double yellow line u ieħor rigward theddid, dagħa u insulti. Ix-xhud qal li talbu karta tal-identità jew liċenzja tas-sewqan u hu irrifjuta li jagħtiha. Ix-xhud qal li m'għamilx follow up rigward ġiex ikkundannat jew liberat għalkemm kien xehed permezz ta' affidavit fil-proċeduri.

**<u>Carmel Abela</u>** (Fol. 1846 et seq) xehed li huwa stazzjonat l-Asset Management Unit fil-Qorti Kriminali. Ix-xhud ipprezenta informazzjoni ottenuta mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali koncernanti beneficcji pagabbli lil George Degiorgio li ma kinitx inkluza fir-rapport ipprezentat qabel.

**<u>Dr Adrian Vella</u>** (Fol. 1855 et seq), it-tabib personali ta' George Degiorgio, ma xehedx f'dawn il-proceduri peress li ma ġiex rilaxxat mis-sigriet professjonali min-naħa tal-istess imputat.

**<u>Dr Yvette Tonna Borg</u>** (Fol. 1905 et seq) xehdet in rappreżentanza tar-reġistratur tal-Qorti. Ix-xhud xehdet dwar x'kawżi ċivili kellu jew għad baqalu pendenti l-imputat George Degiorgio. Ix-xhud qalet li ċertu kawzi

li irrizultaw b'riferenza għal George Degiorgio ma kellhomx l-karta tal-identita ta' individwu. Għalhekk b'riferenza għal dawn il-kawzi ma jistax jingħad jekk dawn kinux jirreferu għall-istess George Degiorgio l-imputat.

In kontro-ezami, ix-xhud identifikat il-kawzi li għadhom pendenti. Ix-xhud qalet li hemm kawża bin-numru tar-referenza 722/18 li hija pendenti fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili Seduta Kostituzjonali u li kienet differita għat-tlieta (3) ta' Ottubru elfejn u dsatax (2019). Hemm żewġ kawżi oħra fis-Sede Kostituzjonali tal-Prim Awla bin-numru tar-referenza 92/18, u l-oħra bin-numru tar-referenza 1/19.

Ix-xhud qalet li l-kawża 1030/2011 fl-ismijiet 'Dove Trading Company kontra George Degiorgio' hija pendenti quddiem il-Qorti Ċivili u preseduta mill-Imħallef Toni Abela. Ix-xhud qalet li fl-aħħar verbal tat-tnejn (2) ta' Mejju elfejn u dsatax (2019) kien ingħad hekk: "Meta ssejħet il-kawża ma deher ħadd. Il-kawża ġie posposta. Meta reġgħet issejħet il-kawża deher Dr Clint Tabone għas-soċjeta attriċi u kkonferma rikors konġuntiv li ġie ppreżentat sabiex il-kawża titħalla *sine die*. Il-kawża ġiet posposta sabiex jidher Dr William Cuschieri. Meta reġgħet issejħet il-kawża deher Dr William Cuschieri għall-konvenut u kkonferma l-kontenut tar-rikors fuq imsemmi sabiex il-kawża titħalla *sine die*. Il-Qorti rat ir-rikors konġuntiv tal-partijiet u allura fl-artiklu 964 ta' artiklu 1 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeferixxi l-kwża sine die."

**<u>Maria Dolores Fenech</u>** (Fol. 1934 et seq) xehdet li hija stazzjonata l-Qorti Kriminali bħala Assistent Reġistratur. Ix-xhud qalet li minn ricerka li

għamlet irrizulta li George Degiorgio għandu żewġ (2) kumpilazzjonijiet pendenti. Waħda minnhom kienet qed tinstema minn din il-Qorti u oħra kienet qed tinstema' quddiem il-Maġistrat Stafrace Zammit. Hija qalet ukoll li għandu pendenti Appell li qiegħed għas-sentenza quddiem l-Imħallef Giovanni Grixti.

Fis-seduta tal-ħamsa (5) ta' Settembru 2009, **Maria Dolores Fenech** (Fol. 1957 et seq) xehdet fuq ricerka li hija għamlet dwar kawzi kriminali li kellu pendenti Alfred Degiorgio. Ix-xhud spjegat li kumpilazzjonijiet ta' qabel is-sena 2000 ma tistax tkun taf bihom peress li mhumiex imdaħħla fis-sistema kompjuterizzata. Ix-xhud qalet li mis-sena 2000 kienet sabet ħames (5) kawżi fil-kontront ta' Alfred Degiorgio. Tlieta minnhom kienu ġew deċiżi u waħda ħareġ l-att tal-akkuża. Għalhekk din tista tkun għadja pendenti quddiem il-Qorti Kriminali.

**L-imputata Anca-Adelina Pop** (Fol. 2348A et seq) xehdet li hija kienet ilha tgħix Malta għal disa' (9) snin. Hija spjegat li kienet il-partner tal-imputat George Degiorgio u li Alfred jiġi ħu George. Hija qalet li għandha familja b'erba' t'itfal li minnhom wieħed huwa tagħha, tnejn huma ta' George Degiorgio u wieħed huwa tagħhom bejnithom. Hi u George kienu ilhom jgħixu ma' xulxin bejn tmien snin u nofs u disa' snin (9).

Ix-xhud ikkonfermat li kellha tlett vetturi reġistrati f'isimha. Waħda minnhom hija Audi Q3 li xtrat meta ġabet il-liċenzja tas-sewqan fl-elfejn u sittax (2016). Din kienet tiswa tmienja u għoxrin elf ewro (€28,000). Kienet ħallsitha in parti bi flus li hija kienet qalgħet minn xogħol fi stabbiliment bl-isem ta' 'Deja vu' f'Paceville u in parti bis-somma ta'

għoxrin elf ewro (€ 20,000) li kien taha missierha. Hi kienet ġabret dawn il-flus mingħand missierha meta f'Ġunju tal-elfejn u sittax (2016), ix-xhud kienet marret ir-Rumanija biex tiġbor lit-tifla tagħha li kienet toqgħod ma ommha. Kompliet tgħid li missierha kien jaħdem l-Awstrija u kienu normalment jiltaqgħu kollha flimkien tal-inqas tlett (3) darbiet f'sena. Peress illi f'Malta tezisti restrizzjoni dwar kemm tista' idaħħal flus, ix-xhud ġiet f'Malta hi u ommha u dawn ġabu għaxar t'elef (€10,000) kull wieħed.

Ix-xhud qalet li imbagħad kienet partet l-Audi Q3 mal-Audi Q7 u peress li ma ħallsitx l-Audi Q7 hija kellha tirritornaha lura lid-dealer James Zammit. Dan kellu jtiha lura l-Audi Q3 pero din kien diġa biegħha. Għalhekk huwa taha Mercedes li qed ssuq illum. L-Audi Q7 illum qeda għand James Zammit, pero peress li kien hemm l-iffriżar tal-assi f'isem ix-xhud, Zammit ma jistax ibiegħ il-karozza. Għalhekk il-karozza għadha rreġistrata f'isimha pero mhux fil-pussess tagħha.

Ix-xhud għandha rreġistrata ukoll fuq isimha Corvette pero din mhijiex il-karozza tagħha. Ix-xhud spjegat li hija ma kinitx taf li din il-karozza kienet reġistrata fuq isimha. Saret taf sakemm darba irċiviet ċitazzjoni tal-Corvette fuq isimha u ġiet infurmata li kienu se jitnaqqsulha l-punti tal-licenzja. Hija ma kinitx tiftakar jekk kinitx iffirmat jew le biex il-Corvette tkun fuq isimha.

Rigward il-wieħed u sittin (61) transazzjoni ta' flus magħmulin tramite Western Union li ammont zgħir minnhom kienu saru minn George Degiorgio u l-kumplament minnha, ix-xhud qalet li meta kienet ir-

Rumanija, George Degiorgio kien jibatilha l-flus biex imantniha. Ix-xhud qalet li hija kienet tibgħat ammont sostanzjali ta' flus lil ommha Tatarciuc Aurelia. Dawn it-trasferimenti kienu jsiru kważi kull xahar bħala manteniment peress illi dak iz-zmien bint l-imputata kienet għadha qed toqgħod ma' omm l-istess imputata fir-Rumanija. Kien biss fis-sena elfejn u sittax (2016) li l-imputata ġabet lil bintha tgħixb'mod permanenti f'Malta.

B'riferenza għall-akbar transazzjoni li kienet saret da parti tal-imputata u li kienet tammonta għas-somma ta' tlett elef ewro (€3,000), ix-xhud qalet li din kienet kontribuzzjoni li kienet bagħtet hi peress li hija kienet qed tibni dar zgħira għaliha. Missierha kien anke taha xi għajnuna għall-bini ta' din id-dar. Spjegat li dan l-ammont ta' flus intbagħat biss darba u l-ħlasijiet l-oħra kienu kollha kontribuzzjonijiet lil ommha minħabba l-ispejjez tat-tifla.

Ix-xhud qalet li ilha ma taħdimx hawn Malta għal madwar ħames (5) jew sitt (6) snin. Hija kienet qed tiġi mantnuta missierha u xi kultant issib għajnuna mingħand ħuha u l-eks raġel tagħha. Ix-xhud qalet li l-eks raġel tagħha se jkun qed jixhed rigward l-arranġament tad-divorzju li sar disa' (9) snin ilu. Apparti l-manteniment tat-tifla, l-eks raġel tagħha kien anke ħallasha ammont ta' flus in konnessjoni ma' dan id-divorzju. L-ammonti kienu jitħallsu kull sitt (6) xhur u illum l-ammont dovut jinsab imħallas kollu.

Rigward il-miżati li jitħallsu lill-iskola fejn tattendi bint l-imputata, l-imputata qalet li missierha flimkien mal-eks raġel tagħha kienu jgħinuha

biex hija tħallas dawn il-mizati. Spjegat li fl-aħħar inkontru li kellha ma' missierha u li seħħ f'Lulju 2020, missierha kien taha l-flus biex tħallas il-mizata dovuta għal Settembru 2020.

**<u>Vasile Tatarciuc (Fol. 2356 et seq) xehed li l-imputata</u>** Anca-Adelina Pop hija bintu u George Degiorgio r-raġel tagħha. Ix-xhud qal li mill-elfejn u sittax (2016) 'l quddiem huwa beda jgħin lil bintu Anca-Adelina Pop finanzjarjament. Ix-xhud qal li fl-elfejn u sittax (2016) kien għenha biex tixtri karozza Q3 billi taha għoxrin elf ewro (€20,000) fi flus kontanti. Dawn il-flus kienu tnizzlu Malta mill-imputata u ommha billi nizlu għaxat t'elef (€10,000) kull wieħed. Ix-xhud qal li dakinhar kien jgħix f'Tyrol, l-Awstrija u kien jaħdem f'biċċerija u issa kien qed jaħdem ma' kumpanija li jaħslu l-purtieri fi clinics fil-Ġermanja kollha.

Ix-xhud qal li ma' bintu jiltaqa ta' spiss speċjalment fil-vaganzi. Fis-sena 2020 huma kienu iltaqgħu l-Ġermanja. Fil-Milied u fl-Għid kien dejjem jagħtiha l-flus u jgħinha fejn hemm bżonn. F'Lulju 2020 kien taha sitt t'elef ewro (€6,000).

**<u>Alin Adrian Pop</u>** (Fol. 2364 et seq) xehed li l-imputata kienet il-mara tiegħu. Miż-żwieġ tagħhom huma kellhom tifla li llum għandha sbatax (17) -il sena. Huma kienu iddivorzjaw disa' (9) snin ilu fi Brasov, ir-Rumanija permezz ta' digriet. Ix-xhud qal li l-ġenituri tagħha kienu għinuhom biex jiżżewġu u hu kellu jagħtihom dawn il-flus lura. Is-somma li ftehmu li x-xhud kellu jħallas lura kienet ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000). Dan il-ħlas kellu jsir għax hu baqa' fid-dar matrimonjali. L-ammont tħallas permezz ta' pagamenti ta' ħamest elef ewro (€ 5,000) u

dawn il-pagamenti kienu jsiru kull sitt xhur. Ix-xhud kien jiltaqa' mal-imputata u jgħaddilha l-flus. Kien wkoll jgħaddilha pagamenti ta' manteniment għat-tifla. Kien jgħaddilha bejn ħames mitt u seba' mitt ewro kull darba bħala manteniment. Dawn il-pagamenti pero ma kinux regolari u kien jagħmilhom meta jkun jista'.

Ix-xhud qal li anke l-ħlasijiet ta' manteniment kien jgħaddihom direttament lill-imputata. Qatt ma baghtilha flus. Spjega li wara d-divorjzu l-imputata kienet titla' r-Rumanija madwar erba' (4) jew ħames (5) darbiet f'sena. Ma setax jgħid għalfejn kienet titla'.

Ix-xhud qal wkoll li omm l-imputata kienet toqgħod Terbomuresh u bejn hemm u Brasov hemm tlett (3) siegħat bil-karozza. Ix-xhud qal li minkejja li ddivorzjaw ir-relazzjoni tagħhom baqgħet tajba u baqgħu jitkellmu. Ix-xhud temm jgħid li l-aħħar darba li għadda flus lill-imputata kien xi tlett ijiem qabel. Dawn tahomla għat-tifla. Fil-fatt, l-aħħar darba li ta flus lil Anca hu tlett ijiem ilu u taha flus għat-tifla.

- **<u>Fatti tal-Kaz</u>**

Fil-qosor il-fatti tal-kaz huma s-segwenti. L-imputat Alfred u George Degiorgio ġew arrestati in konnessjoni mal-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia. Waqt li kienu għaddejjin dawn l-investigazzjoijiet, il-Pulizija rceviet informazzjoni li l-imputati Alfred u George Degiorgio kellhom assi li ma kinux jirriflettu l-ħajja finanzjarja u ekonomika li kienu jmexxu. Il-Pulizija għalhekk nedew investigazzjonijiet finanzjarji fil-konfront taz-zewġ aħwa imputati George u Alfred Degiorgio. L-

investigazzjonijiet imbagħad estendew wkoll għas-sieħba ta' George Degiorgio, l-imputata Anca-Adelina Pop. Il-Pulizija ġabru informazzjoni dwar l-assi tal-imputati, il-qliegħ u l-infiq tagħhom u abbazi tal-informazzjoni miġbura dehrilhom li kellhom bizzejjed bazi biex jakkuzaw lit t-tlett imputati b'reati dwar ħasil ta' flus.

- **<u>Principji Legali Applikabbli għall-Kaz.</u>**

Ikkunsidrat:

In linea preliminari Il-Qorti tibda biex tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini talArtikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet 'Il-Pulizija v Philip Zammit et' u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubbju jkun dak dettat mir-raguni.'

- **<u>Ir-Reat tal-Money Laundering[4]</u>**

L-Artikolu 3 tal-Kap 373 l-Att dwar il-Money Laundering jipprovdi li:

*"ghamel atti ta' money laundering billi :-*

*a) ikkonverta jew trasfera propjeta` meta kien jaf li dik ilpropjeta` kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta', attivita` kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f' attivita kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b' ohra ta' l-origini talpropjeta jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f' attivita kriminali;*

*b) heba jew wera haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjeta`, meta kien jaf li dik il-*

[4] Għal approfondiment fuq ir-reat ara wkoll Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs Carlos Frias Mateo deciza mill-Magistrat Edwina Grima fil-5 ta' Awwissu, 2011 fejn il-Qorti tat esposizzjoni legali fonda fejn jidhol ir-reat tal-Money Laundering. Ara wkoll it-tezi li hejja Clint Tabone intitolata *<u>Prosecuting the Offence of Money Laundering in the Maltese Criminal Courts</u>* (Mejju 2011) li taghti harsa fil-fond dwar dawn l-ingredjenti ghar-reat tal-Money Laundering

*propjeta` kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita kriminali;*

*c) akkwista propjeta' meta kien jaf li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita kriminali;*

*d) bir-ritensjoni minghajr skuza ragonevoli ta' propjeta' meta kien jaf li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita kriminali;*

*e) ittenta jaghmel l-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija*

*f) aġixxa bħala kompliċi fit-tifsir tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (e) ta' hawn fuq."*

Din il-Qorti hija konxja li r-reat ta' Money Laundering huwa wiehed mir-reati l-aktar difficli u delikati biex jigu nvestigati. It-teknika u s-sofistikazzjoni tal-mod kif il-flus jigu girati u jinhbew mill-provenjenza llecita taghhom jaghmluha kwazi mpossibli illi l-investigaturi jsibu tracca tal-provinjeza tal-flus.

Kien ghalhekk illi f'dawn ic-cirkostanzi l-ligi tal-Money Laundering Kap 373 ipoggi l-oneru fuq dak li jkun illi huwa jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-provenjenza lecita tal-flus illi jkunu nstabu fuqu. Dan il-bdil ta' l-oneru tal-provi mhijiex wahda kapriccjuza u kif qalet il-Qorti fil-kawza *"**Ir-Repubblika ta' Malta vs John Vella**"*[5] *"din hi ligi strordinarja li tintroduci kuncetti radikali fis-sistema nostrana*

[5] Deciza mill-Qorti Kriminali fid-29 ta' Novembru 1999.

*u li tirrikjedi applikazzjoni fl-akktar skruplu u attenzjoni biex ma tigix reza xi sturment ta' ngustizzja, aktar reminixxenti taz-zminijiet ta' l-inkwizizzjoni minn dak ta' l-era' moderna tad-drittijiet tal-bniedem. . . .".*

Infatti sabiex il-Prosekuzzjoni tirnexxi fil-kaz tagħha tar-reat tal-hasil tal-flus jew kif inhu ahjar maghruf il-money laundering, irid jigi ippruvat indubbjament u b'mod inekwivoku in-ness bejn ir-reat sottostanti (the predicate offence) u ir-reat in dizamina. Di fatti fil-kawza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs John Vella*** suriferita il-Qorti stqarret illi *"...hu impellanti u necessarju illi jigi deskritt b'mod inekwivoku n-ness bejn l-attivita kriminali sottostanti u l- allegat money laundering."* Dan in-ness pero jista' jkun anke fuq bazi ta' semplici prima facie u m'hemmx il-ħtieġa li jkun hemm kundanna minn organu ġudizzjarju għar-reat sottostanti li jkun wassal biex jiġi ġenerat il-qliegħ illegali.

Infatti l-artikolu 2(2a) tal- Kapitolu 373 jiddisponi testwalment: *"Persuna tista' tinstab hatja tad-delitt ta' money laundering taht dana l-Att, anke fin-nuqqas ta' sentenza ta' qorti li tistabilixxi htija fir-rigward ta'l- attivita' kriminali sottostanti, liema attivita' kriminali tista' tigi stabbilita minn prova cirkostanzjali jew prova ohra, minghajr il-htiega li l-prosekuzzjoni tipprova li kien hemm sentenza ta' kundanna ghall- offiza sottostanti."*

Dana jfisser illi ghalkemm l-attivita kriminali sottostanti ma tigix ippruvata, madanakollu jekk il-prosekuzzjoni jirnexxielha tipprova illi s-sors tal-flus gej minn dik l-attivita kriminali allura ir-reat ikun

gie ippruvat, u ma ikunx hemm il-htiega ta' prova rigward xi sentenza ta' kundanna in konnessjoni mar-reat sottostanti.

Id-Dipartiment tat-Tezor tal-Istati Uniti tal-Amerika jiddeskrievi r-reat b'dan il-mod:

*"Money laundering is the process of making illegally-gained proceeds (i.e. "dirty money") appear legal (i.e. "clean"). Typically, it involves three steps: placement, layering and integration. First, the illegitimate funds are furtively introduced into the legitimate financial system. Then, the money is moved around to create confusion, sometimes by wiring or transferring through numerous accounts. Finally, it is integrated into the financial system through additional transactions until the "dirty money" appears "clean"* [6]

Illi l-process tal-hasil ta' flus jinvolvi diversi stadji. L-awturi jikkunsidraw dawn l-istadji bhala tlieta ewlenien li jissejjhu "placement, layering u integration." L-ewwel stadju, hekk imsejjah "placement" isehh meta il-flus jigu imnehhija mill-post fejn gew akkwistati illegalment. Ghalhekk l-att li permezz tieghu l-persuna suspettata tipprova tohrog il-flus mill-pajjiz fejn originaw huwa l-ewwel stadju fil-process tal-hasil tal-flus. Wara dana, fit-tieni stadju imbaghad il-flus jiehdu xejra ohra jew jinhbew u dana sabiex isir aktar diffcli illi wiehed jirrintracca l-istess, bhal per ezempju meta jigu ikkreati kontijiet bankarji f'isem xi korporazzjoni u il-flus

[6] "History of Anti-Money Laundering Laws". United States Department of the Treasury. 30 June 2015.

jitpoggew f'dawn il-kontijiet. Fl-ahhar process imbaghad il-flus jigu integrati fis-sistema ekonomika sabiex b'hekk jitqiesu minn issa 'l quddiem li huma legali.

L-Att kontra l-Money Laundering sar parti mil-ligi taghna fit-23 ta' Settembru 1994. Wara dana kien hemm diversi emendi fil-ligi, bl-emendi ewelenin jigu fis-sehh bl-Att XXXI tal-2007 u l-Att VI tal-2010. Dawna lemendi huma sinifikanti fis-sens illi filwaqt illi qabel l-2007 l-persuna suspettata trid ikollha ix-xjenza illi l-flus jew proprjeta tkun gejja minn attivita kriminali, wara l-2007 huwa bizzejjed illi l-persuna suspettata ikollu is-suspett ta' tali provenjenza kriminuza sabiex tkun tista' tinstab htija. Inoltre ai fini ta' prosekuzzjoni tar-reat l-emenda li dahhlet fis-sehh fl-2010 ghal-artikolu 2(2a) tal-Att, il-prosekuzjoni mhux biss ma tenhtigiliex tipprova illi kien hemm il-kundanna ghar-reat sottostanti illi lanqas jinhtiegilha tipprova bil-preciz liema hija l-attivita kriminali sottostanti. Mela l-ewwel haga illi l-prosekuzjoni jinhtiegilha tipprova f'dana it-tip ta' reat huwa ix-xjenza jew is-suspett tal-persuna akkuzata rigward il-provenjenza tal-flus. Dana jikkostitwixxi il-mens rea ta' dana ir-reat. Id-differenza bejn dawn iz-zewg kuncetti huwa ovvju fis-sens illi filwaqt illi x-xjenza tista' tigi determinata b'mod oggettiv madanakollu is-suspett huwa iktar xi haga soggettiva u personali.

Fir-rapport dwar il-kaz ***<u>Taylor's Central Garages (Exeter) Limited v Roper</u>***[7] Devlin J jaghti numru ta' osservazzjonijiet dwar it-tifsira

[7] Local Government Review Reports volume 115, page 445

tal-kelma xjentament "knowingly" u kif tkun stabilita' x-xjenza f'kaz kriminali:

"*It seems to me to be very important in cases of this sort that lay justices, who are not necessarily very skilled in the handling of evidence and in the drawing of distinctions which the law requires to be drawn, should have explained to them by the prosecution, where the burden is on the prosecution, exactly what sort of knowledge the prosecution desires to be found. There are, I think, three degrees of knowledge which it may be relevant to consider in cases of this sort. The first is actual knowledge, and that the justices may infer from the nature of the act that was done, for no man can prove the state of another man's mind, and they may find it, of course, even if the defendant gives evidence to the contrary. They may say: 'We do not believe him. We think that was his state of mind.' They may feel that the evidence falls short of that, and, if they do, they have then to consider what might be described as knowledge of the second degree. They have then to consider whether what the defendant was doing was, as it has been called, shutting his eyes to an obvious means of knowledge. Various expressions have been used to describe that state of mind. I do not think it is necessary to describe it further, certainly not in cases of this type, than by the phrase that was used by Lord Hewart CJ, in a case under this section, Evans v Dell (1). What the Lord Chief Justice said was: 'The respondent deliberately refrained from making inquiries, the results of which he might not care to have.'*

"*The third sort of knowledge is what is generally known in law as constructive knowledge. It is what is encompassed by the words 'ought to*

*have known' in the phrase 'knew or ought to have known.' It does not mean actual knowledge at all, it means that the defendant had in effect the means of knowledge. When, therefore, the case of the prosecution is that the defendant failed to make what they think were reasonable inquiries it is, I think, incumbent on the prosecutor to make it quite plain what they are alleging. There is a vast distinction between a state of mind which consists of deliberately refraining from making inquiries, the result of which the person does not care to have, and a state of mind which is merely neglecting to make such inquiries as a reasonable and prudent person would make. If that distinction is kept well in mind, I think justices will have less difficulty in determining what is the true position. The case of shutting the eyes is actual knowledge in the eyes of the law; the case of merely neglecting to make inquiries is not actual knowledge at all, but comes within the legal conception of constructive knowledge, which is not a conception which, generally speaking, has any place in the criminal law."*[8]

Il-Crown Prosecution Service (CPS) jaghti din l-ispjega ta' "knowledge":

*"Implied knowledge for the summary offences includes actual subjective knowledge proven by evidence but it may also include wilful blindness. It is always open to a tribunal of fact to base a finding of knowledge on evidence that the defendant had deliberately shut his eyes to the obvious or refrained from inquiry because he suspected the truth but did not want to have his suspicion confirmed Westminster City Council v Croyalgrange Ltd 83 Cr. App. R.155*

[8] Ibid pg 449.

*In Flintshire CC v Reynolds [2006] EWCH 195 (Admin) it was alleged that Mrs Reynolds had knowingly produced information she knew to be false in a material particular for the purpose of obtaining a benefit or other payment or advantage. Mrs Reynolds evidence was that she signed the form completed by her husband without reading it. It was held that constructive knowledge is not enough to demonstrate that something has been done knowingly in the context of a criminal statute (in this instance section 112 SSAA 1992).*

F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell fl-Ingilterra fl-ismijiet Regina vs Hilda Gondwe Da Silva il-kelma suspett inghatat is-segwenti tifsira:

*"The word suspect means that the defendant must think that there is a possibility, which is more than fanciful, that the relevant facts exist. A vague feeling of unease would not suffice."*

Sfortunatament il-ligi taghna ma taghti l-ebda definizzjoni ta' dak li jammonta ghal suspett u ghalhekk jekk il-prosekuzjoni jirnexxielha tipprova anke illi l-imputat kellu xi suspett illi l-flus ghandhom provenjenza kriminuza allura dina hija sufficjenti. Jispetta mbaghad lill-imputat iressaq provi bil-kuntrarju sabiex jikkonvinci lill-Gudikant bl-innocenza tieghu.

Fil-fatt fir-reat tal-hasil tal-flus il-piz tal-prova tinkombi mhux biss fuq ilprosekuzjoni illi tipprova il-htija tal- imputat, izda jispetta

anke lill-imputat iressaq il-provi in sostenn tal-innocenza tieghu. Wiehed jistaqsi allura x'inhu il-piz tal-prova li jinhtigielha tressaq il-prosekuzzjoni f'dana ir-reat. Huwa bizzejjed illi l-prosekuzjoni tipprova illi nstabu ammonti sostanzjali ta' flus fil-pussess tal-imputat minghajr mal-imputat jaghti spjegazzjoni valida dwar l-origini tal-istess jew hemm bzonn illi l-prosekuzzjoni tipprova x'kien il-predicate offence? Illi dana il-fatt kien suggett ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dana minhabba l-fatt illi l-piz tal-prova qed tintefa fuq il-persuna akkuzata, iktar u iktar fid-dawl tal-fatt illi l-akkuzat ma jigiex mwissi meta ikun qed jigi interrogat illi hemm dana l-piz jinkombi fuqu u li allura irid joqghod attent aktar meta jaghti t-twegibiet tieghu fid-dawl tal-fatt illi l-istqarrija hija prova imbaghad fil-process penali li jinbeda kontra tieghu.

Dana johrog mill-artikolu 3(3) ta'l-Att li jaghmel referenza ghall-artikolu 22(1C)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi testwalment:

"Fi procedimenti ghal reat taht il-paragrafu (a) ta' dana is-subartikolu, meta l-prosekuzjoni ggib prova li l- imputat jew akkuzat ma jkun ta l-ebda spjegazzjoni li turi li dawk il-flus, proprjeta jew rikavat ma kenux flus, proprjeta, jew rikavat kif deskritti fl-imsemmi paragrafu, l-oneru li jipprova l-provenjenza lecita ta' dawk il-flus, proprjeta jew rikavat tkun tinkombi fuq il-persuna imputata jew akkuzata."

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) f'kawza fl-ismijiet ***Mario u Pierre Camilleri vs Avukat Generali*** deciza fil-15 ta' Novembru 2010 inghad:

"Il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l- ezistenza ta' xi reat - "any criminal offence" ai termini tat-Tieni Skeda ta' l-Att kontra Money Laundering, u dan fuq bazi ta' *"prova cirkostanzjali jew prova ohra"*. Fil-kaz in dizamina dan ir-reat hu precizament dak ta' traffikar ta' droga u kongura. Dan iwassal ghal li l- Prosekuzzjoni ma kellha ebda htiega li ggib sentenza ta' htija fil-konfront tar-rikorrenti in konnessjoni mat- traffikar tad-droga jew kongura ghal dan l-iskop."

Il-Qorti tinnota li f'Kap 319 fit-Tieni Skeda annessa mieghu li tinkludi d-Dikjarazzjonijiet u r-Rizervi tal-Gvern Malti, illi meta accetta li jirratifika l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem l-istess Gvern impona riserva fis-sens illi:

*"The Government of Malta declares that it interprets paragraph 2 of Article 6 of the Convention in the sense that it does not preclude any particular law from imposing upon any person charged under such law the burden of proving particular facts."*

L-istess kwalifika tinsab fil-paragrafu 5 ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li jghid hekk:

*"(5) Kull min jigi akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm jigi pruvat jew ikun wiegeb li huwa hati:*

*izda ebda haga li hemm fi jew maghmula skond l-awtorit ta' xi ligi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-ligi timponi fuq xi persuna akkuzata kif intqal qabel il-piz tal-prova ta' fatti partikolari."*

L-artikolu 6.2 jezigi li l-Prosekuzzjoni ggorr l-oneru li tkun hi li finalment trid tikkonvinci lill-Qorti jekk sehhx reat u jekk il-persuna akkuzata kinitx hatja ta' tali reat. Zgur li dan ma jwassalx ghall-fatt li l-imputat ikun qieghed jigi meqjus hati ab initio. Dejjem jibqa' l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tipprova fatti konnessi mar-reat ta' money laundering. Il-Prosekuzzjoni trid dejjem tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti aspetti ohra bhal ma huma kondotta refrattarja tal-imputat jew li kien konness f'cirku ta' traffikar tad-droga. Jinkombi dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-imputati ma kienetx kompatibbli mal-ammont ta' flejjes li kellhom fil-pussess taghhhom. Huwa biss wara li jsir l-ezami mill-Gudikant dwar ir-ragonevolezza o meno tal-provenjenza tal-flus li in segwitu tkun tista' topera din il-prezunzjoni. Hawnhekk ta' min iqis fattur ferm importanti. Hija Qorti li suppost dejjem ghandha l-indipendenza tal-agir taghha li trid tiddecidi. Mhux qed nitkellmu dwar xi hadd mill-Ezekuttiv. Ghalhekk huwa necessarju biex tinstab htija li jkun hemm iz-zewg fatturi. Ghandu jkun hemm agir suspettuz segwit bi tranzazzjonijiet

ta' flus f'ammonti li setghu jitqiesu eccessivi. U dan irid jigi konstatat mill-Qorti.

Skont Jacobs [The European Convention on Human Rights] il-presunzjoni tal-innocenza u t-tqeghid tal-oneru tal-prova fuq il-prosekuzzjoni m'humiex l-istess haga. Ukoll gieli l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-akkuzat:

*"What the principle of presumption of innocence requires here is just that the Court should not be predisposed to find the accused guilty and second that it should at all times give the accused the benefit of the doubt 'in dubio pro reo'."*

Din il-Qorti kif preseduta trid pero` taghmilha cara li l-qlib tal-oneru talprova hija l-eccezzjoni u mhux ir-regola. Dan hu limitat ghall-kazijiet biss fejn huwa logiku li sta ghall-imputat li jaghmel il-provi hu minhabba li l-prosekuzzjoni ma jista' qatt ikollha dawk il-provi.

Il-Qorti ikkonkludiet illi l-obbligu tal-imputat illi jaghti spjegazzjoni ragjonevoli tal-provenjenza tal-flus huwa obbligu li ghandu fil-konfront tal-Gudikant u mhux fil-konfront tal-prosekuzjoni. U ghalhekk stqarret illi *" tqis il-presunzjoni hija rebuttable and is not in itself unreasonable, u ... illi xshifting tal-burden of proof huwa wiehed legali u jhalli l-fair balance rikjest ghall-iskopijiet ta' guri."*

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet ***<u>Andrew Ellul Sullivan et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali</u>***, deciza mill-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-8 ta' Lulju 2004 inghad:

"…"Illi kif imfisser f'sentenzi ewlenin moghtija mill- Qorti Ewropeja, il-prezunzjoni tal-innocenza tfisser li l- piz tal-prova jaqa' generalment fuq il-prosekuzzjoni. Madanakollu, dan ma jfissirx li f'kull kaz il-piz tal- prova jrid ikun biss fuq il-prosekuzzjoni. L-artikoli imsemmija m'humiex kontra li xi ligi tistipula ghal prezunzjonijiet ta' fatt jew ta' dritt li jahdmu kontra l- persuna mixlija. Izda huwa mistenni li l-Istat jillimita tali prezunzjonijiet b'mod ragonevoli li jiehu qies tas- siwi ta' dak li l-kaz jinvolvi u tal-jeddijiet tad-difiza xierqa."

Din il-Qorti thoss li ghandha tirreferi ghall-gwida li jaghti l-Crown Prosecution Service (CPS) dwar defenizzjonijiet li jghinu lil wiehed jifhem meta jkun qieghed jiddeciedi kazijiet marbuta ma' money laundering u l-linja gwida li ghandhom jimxu maghha l-Prosekuturi meta jiddeciedu li jressqu akkuzi ta' hasil ta' flus fil-konfront ta' imputat jew imputata:

*Criminal property*

*Under the Proceeds of Crime Act, the Crown has to prove that the laundered proceeds are "criminal property", as defined in S.340 of the Proceeds of Crime Act: that is to say that the property constitutes a person's benefit from criminal conduct.*

*Criminal conduct*

*"Criminal conduct" is all conduct which constitutes an offence in any part of the United Kingdom (which means that an "all crimes" approach is adopted in respect of predicate crimes committed in the UK).*

*Offences which were committed abroad are relevant predicate crimes if laundering acts are committed within our jurisdiction where the predicate offence committed abroad (from which proceeds were generated) would also constitute an offence in any part of the United Kingdom if it occurred here (S.340 (2) b) (Archbold 2006 33-29).*

*It is immaterial whether the criminal conduct occurred prior to the Act becoming law so long as the laundering act takes place post commencement.*

*Proving that property is "criminal property"*

*To prove that property is "criminal property" (i.e. the proceeds of crime) the prosecutor must show the property:*

- *Constitutes benefit from criminal conduct or that it represents such a benefit (in whole or part and whether directly or indirectly) and;*

- *The alleged offender knows or suspects that it constitutes or represents such a benefit [section 340(3)].*

*The property which may comprise the benefit from criminal conduct is widely defined (see S.340 [9] and [10]) to include:*

- *Money;*
- *All forms of property or real estate;*
- *Things in action and other intangible or incorporeal property.*

*Property is obtained by a person if he obtains an interest in it.*

*Because of the definition of criminal property, there is no distinction between the proceeds of the defendant's own crimes and of crimes committed by others (see S.340 [4]). Thus laundering one's own proceeds is just as much money laundering, as similar activities performed by someone else, notably professional launderers on behalf of the authors of the predicate or underlying offences.*

*Own proceeds laundering applies to all 3 principal money laundering offences.*

*Proving that proceeds are the benefit from criminal conduct in money laundering prosecutions (proving the predicate offence).*

*Proving that proceeds are the benefit of "criminal conduct" will usually be done by circumstantial evidence.*

*Where money laundering offences are proceeded with on the same indictment as the underlying crimes, the underlying criminal conduct*

*will be proved as part of the proceedings to the requisite standard. Where the money laundering proceedings are "standalone", there are two ways of proving criminal property, firstly by proving the type of offending that gave rise to the criminal property and secondly by relying upon circumstantial evidence (R v Anwoir [2008] EWCA Crim 1354).*

*It is not necessary in "stand alone" money laundering prosecutions to wait for a conviction in relation to the "criminal conduct" (i.e. the underlying or predicate offences giving rise to the criminal property).*

*Prosecutors are not required to prove that the property in question is the benefit of a particular or a specific act of criminal conduct, as such an interpretation would restrict the operation of the legislation. The prosecution need to be in a position, as a minimum, to be able to produce sufficient circumstantial evidence or other evidence from which inferences can be drawn to the required criminal standard that the property in question has a criminal origin.*

*Typically evidence of the criminal origin of proceeds may be provided in money laundering proceedings by:*

- *Accomplice evidence;*
- *Circumstantial evidence and/or other evidence*
- *Forensic evidence (e.g. contamination of cash with drugs) from which inferences can be drawn that money came from drug trafficking;*

- *Evidence of complex audit trails, from which an accountancy expert may be able to conclude that the complexity of the transactions indicate that the property was the proceeds of crime. (Archbold 2006 10-66). While this was not a money laundering prosecution, by analogy, it would seem permissible for a witness to give expert evidence that the facts lead him to the conclusion that the property was the proceeds of crime);*
- *Evidence of the unlikelihood of the property being of legitimate origin - Where the prosecution proves D has no legitimate explanation for possessing the property in question a jury may be willing to draw an inference that it is proceeds of crime;*
- *Criminals often attempt to launder proceeds through a cash intensive business. Where the cash flows appear too large or the profit margins too high this may be capable of giving rise to expert evidence that the business will usually give rise to a particular level of profit and the profits are clearly excessive which together with other available evidence can be sufficient to prove the underlying criminality. See R. v. Boam 1998 Cr. Law Bulletin.*

Fil-Blackstone's Criminal Practice 2014 dwar id-definizzjoni ta' "criminal property" u xi trid tipprova l-prosekuzzjoni jghid*:*

*"Criminal property must be proved to represent, in whole or in part, a person's benefit from actual criminal conduct. Unfounded suspicion as to its derivation does not suffice (Montila [2005] 1 All ER 113 at [41]). Section 340 contains no reference to any need to particularise the class of crime from which the property is derived (Craig [2007] EWCA Crim*

*2913).....But in Prosecution Appeal (No. 11 of 2007); NW [2008] EWCA Crim 2, the Court held that the class or type of crime involved must indeed be identified, as in civil proceedings for recovery under part 5 of the Act. A claim for civil recovery cannot be sustained solely on the basis that a respondent has no identifiable income to warrant his lifestyle: the applicant must first establish a good arguable case that a certain kind of unlawful conduct occurred and then a good arguable case that property was obtained through that kind of unlawful conduct (R (Director of the Assets Recovery Agency) v Green [2005] EWHC 3168 (Admin); Director of the Assets Recovery Agency v Szepietowski [2007] EWCA Civ 766; Director of Assets Recovery Agency v Olupitan [2008] EWCA Civ 104)."*

Il-Qorti taghmel referenza ghall-Artiklu 2(2)(a) u l-Artiklu 3(3) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artiklu 21(1c)(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jistipulaw li l-Avukat Generali jista' jakkuza persuna bir-reat ta' "money laundering" minghajr ma jkollu xi sentenza b'referenza ghal xi offiza precedenti. Ma dan kollu jibqa` l-fatt illi l-Avukat Generali (Prosekuzzjoni) ghandu jipprova n-ness bejn il-flus jew il-propjeta u l-attivita kriminali li tkun generat dawk il-flus.

Il-Qrati taghna f'kazijiet ta' flejjes misjuba jesigu li l-ewwel il-prosekuzzjoni trid tipprova ness, imqar sal-grad tal-prima facie li tali flejjes misjuba huwa provenjenti minn reat kriminali, imbaghad, jekk il-prosekuzzjoni tipprova tali ness, jinqaleb l-oneru tal-prova izda mhux qabel. Una volta imbaghad jinqaleb l-oneru, sta ghall-

akkuzat li jipprova li tali flejjes gew minn attività legali u dan ghandu jaghmlu sal-livell tal-probabli.

Dwar il-livell ta' prova li jinkombi fuq l-Avukat Generali, l-Qorti taghmel referenza ghall- kawza "**Il-Pulizija vs Paul Borg**" deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Ottubru ta' l-2003, fejn intqal:

*"Minn ezami w qari akkurat ta' din id-dispozizzjoni din il-Qorti thoss li una volta li l-prosekuzzjoni tiddeciedi litipprocedi skond l-Ordinanza (Kap.101) u mhux taht id-dispozizzjonijiet tal- Kap. 373, ossia l-Att tal-1994 kontra Money Laundering, fejn l-attivita' kriminali sottostanti tista'tkun varja w tirriferi ghall-ksur ta' diversi ligijiet kif indikat fit-tieni skeda tal-istess Att, irid al menu jigi "prima facie" pruvat li l-akkuzat ikun qed jagixxi bi hsieb li jahbi jew jikkonverti flus jew ir-rikavat ta' flus u jkun jaf jew ikollu s-suspett li dawk il-flus ikunu miksuba bhala rizultat ta' ksur ta' xi dispozizzjoni tal-Ordinanza (Kap.101) u dana qabel ma tiskatta l-inversjoni tal-oneru tal-prova fuq l-akkuzat kontenuta fil-paragrafu (b) appena fuq riprodott.*

*Inkella jigri, kif tajjeb ipprospettat id-difiza, li kull min jinstab fil-pussess ta' flus , proprjeta' jew rikavat u ma jaghtix spjegazzjoni tal-provenjenza lecita tieghu, jista' jigiprocessat skond il-Kap. 101, meta fil-fatt qatt ma kellu l-icken konnessjoni mad-drogi jew medicini perikoluzi f'hajtu. Setgha din li tista' tati lok ghall-abbuz mis-sistema legali minn prosekuzzjoni malintenzjonata jew traskurata fl-investigazzjoni taghha."*

…..

*"Ghalhekk din il-Qorti fid-dawl ta' dak li qalet il-Qorti kollegjali tal-Appell Kriminali fuq riportat, thoss li ladarba ma saret ebda prova valida , lanqas "prima facie", li b'xi mod torbot l-agir tal-appellant ma xi attivita' kriminali sottostanti konnessa ma jew kontemplata fil-Kap.101, ma ghandix tiskatta d-dispozizzjoni tas-sub-inciz (b) li tinverti l-oneru tal-prova fuq l-appellant dwar il-provenjenza tal-flus li nqabad bihom l-appellant. Ried l-ewwel jigi stabilit xi ness al menu "prima facie" li juri li meta l-appellant kien qed jesporta l-flus inkrimati minn Malta kellu l-hsieb li jahbi jew jikkonverti flus li jkun jaf jew li jkollu suspett li dawk il-flus kienu miksuba direttament jew indirettament bhala rizultat ta' xi reat kontemplat fil-Kap.101."*

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-19 ta' Jannar, 2012 ***Il-Pulizija (Spt. Angelo Gafa`) Vs Carlos Frias Mateo***:[9]

*"F'din il-kawza, l-appellat qed jigi akkuzat bil-ksur ta' provvedimenti tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta izda dan il- Kap jaghmel referenza wkoll ghall-Artiklu 21(1c)(b) tal- Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li wkoll jitfa' l-piz li juri l-origini lecita tal-flus, propjeta jew rikavat fuq il-persuna akkuzata. Ghalhekk, dan il-livell ta' prova "prima facie" japplika kemm ghall-persuna li tkun akkuzata b'money laundering taht il-Kap 101 kif ukoll taht il-Kap 373. Issa, peress illi l- Artiklu 2(2)(a) ta' l-istess Att jezimi mir-responsabilta' l- prosekuzzjoni illi tipprova xi htija precidenti in konnessjoni ma xi attivita` kriminali, kull ma ghandha tipprova l-*

[9] Appell Kriminali Numru. 356/2011 deciz mill-Imhallef Michael Mallia

*prosekuzzjoni huwa illi l-flus illi nstabu fil-pussess tal- persuna li kienux konformi ma l-istil ta' hajja tal-persuna, liema prova tkun tista' tigi stabbilita anke minn provi indizzjarji. Dana jfisser illi l-prosekuzzjoni m'ghandix tipprova lill-Qorti l-origini tal-flus, lanqas jekk il-flus kienu llegali. Kull ma trid tippruva huwa fuq grad ta' "prima facie" illi ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus. Darba ssir din il-prova fil-grad imsemmi, jkun imiss lill-akkuzat sabiex juri illi l-origini tal- flus ma kienx illegali."*

Id-definizzjoni tal-kelma "proprjeta`" fl- artikolu 2 tal-Kap. 3 3 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Kontra Money Laundering) hi din:

"'proprjeta' tfisser proprjeta u attiv ta' kull xorta, natura u deskrizzjoni, sew mobbli sew immobbli, sew korporali sew inkorporali, sew tanġibbli sew mhux tanġibbli, dokumenti legali jew strumenti legali li jkunu prova ta' titolu, jew interess f'dik il-proprjeta jew dak l-attiv u, bla ħsara għall-ġeneralita ta' dak li ntqal qabel, tinkludi –

(a) kull flus, kemm jekk l-istess flus ikunu jew ma jkunux valuta legali f'Malta, bills, titoli, bonds, dokumenti negozjabbli jew kull dokument li jista' jkun negozjabbli inklu dokument li jitħallas lillportatur jew imdawwar biex jitħallas lill-portatur kemm jekk espressi f'euro jew f'xi flus oħra barranin;

(b) flus kontanti jew depoziti jew kontijiet ta' flus ma' xi bank, istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni oħra kif jista' jiġi preskritt li jmexxu jew ikunu mexxew il-kummerċ tagħhom f'Malta".

Hu ben saput illi l-Qrati generalment jirrikonoxxu erba' tipi ta' prova, dak li huwa possibli, l-probabbli, minghar dubju dettat mir-raguni u c-certezza. Izda l-prova "prima facie" hija wzata mill-Magistrat Inkwirenti meta jirredici l-Process Verbal u l-Magistrat Istruttur fl-gheluq tal-Kumpilazzjoni. Fl-opinjoni tal-Qorti din hija livell ta' prova illi tidhol bejn il- possibli u l-probabbli.

L-awtur Blackstone (At D 6.21) jghid fost affarijiet ohra, "*Thus, the standard of proof the prosecution are now required to satisfy at committal proceedings is very low, lower than that resting on a plaintiff in civil proceedings. It is commonly expressed as establishing a prima facie case or a case to answer.*" Il-probabbli huwa l-livell uzat f'proceduri civili. Ghalhekk skond dan l-awtur "*prima facie*" huwa anqas minn hekk u jista' jigi definit bhala "*a case to answer*", haga li ghandha tigi nvestigata aktar fil-fond.

Din il-Qorti issa trid tevalwa jekk fid-dawl tal-principji legali hawn esposti l-imputati għandhomx "*a case to answer*" u jekk jistgħux jitqiesu li huma ħatja tar-reati li qegħdin jiġu addebitati lilhom.

Il-Qorti sejra tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha rigward it-tlett imputati separatament.

**(1) Anca-Adelina Pop**

Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li bħala assi l-imputata Pop għandha jew kellha fil-pussess tagħha erba' (4) vetturi Audi A4, Corvette C7, Audi Q7 u Mercedes Benz. Irrizulta wkoll li l-imputata għamlet pagamenti lill-iskola Omissis bħala school term fees. Permezz tal-Fexserv hija għamlet wkoll trasferiment ta' € 35,700.50 lil ommha fir-Rumanija u kif wkoll rceviet l-ammont ta' €17,700 mingħand George Degiorgio.

Il-Prosekuzzjoni jidher li qiegħda isejjes il-kaz tagħha in kwantu jirrigwara l-imputata Pop sempliciment fuq l-asserzjoni li l-imputata iggwadanjat mill-assi tal-partner tagħha George Degiorgio. Infatti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-Prosekuzzjoni tgħid li: *"mill-provi prodotti tal-prosekuzzjoni, l-imputata Pop għalkemm kienet irreġistrata bħala self-employed, qatt ma iddikjarat dħul mad-Dipartiment tat-taxxa. Illi irrizulta wkoll illi l-istess imputata gwadanjat mill-assi tal-partner tagħha u cioe l-imputat George Degiorgio."*[10]

Din il-Qorti pero tqis li l-kaz għar-rigward l-imputata Pop ifalli fuq numru ta' binarji:

(a) Fl-ewwel lok il-Prosekuzzjoni ma ġabet l-ebda prova ta' xi ness bejn xi attivita kriminali u l-flus li Pop kellha a disposizzjoni tagħha. Il-fedina penali ta' Pop tirrizulta li hija waħda netta u ma jirrizultax li

[10] Fol. 2402.

hija ġiet investigata jew b'xi mod hemm xi indikazzjoni imqar remota li hija setgħet qed tieħu sehem f'attivitajiet ta' natura kriminali. Lanqas ma inġabet prova li remotament hija kienet konxja tal-attivitajiet ta' natura kriminali li seta' kien involut fihom is-sieħeb tagħha. Il-fatt li hija kellha bħala sieħeb tagħha persuna li fuqu kellu certu dellijiet mhux sbieħ u kienet ilha f'din ir-relazzjoni għall-aktar minn disa' (9) snin ma tammontax għall-prova sufficjenti tan-ness rikjest bejn l-attivita kriminali u l-finanzi a disposizzjoni tal-imputata. L-istorja kienet tkun kompletament differenti li kieku l-imputata kienet anke passivament konxja tal-attivita kriminali li seta' kien involut fiha s-sieħeb tagħha u għalhekk f'tali cirkustanzi setgħet tissuspetta li l-fondi li kien qed jgħaddilha l-istess sieħeb tagħha seta' kellhom provenjenza illecita.

(b) Fit-tieni lok l-imputata ressqet numru ta' provi li jispjegaw bic-car il-provenjenza tal-flus tagħha. Pop kellha ammont ta' flus f'idejha rizultat tal-ftehim ta' divorzju li sar mal-eks raġel tagħha Alin Adrian Pop. Il-partijiet kienu ftehmu fuq somma ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000) bħala ekwiparazzjoni dovuta lil Pop in vista li l-eks raġel tagħha kien zamm id-dar matrimonjali. Dan l-ammont tħallas fuq numru ta' snin bir-rata ta' ħamest elef ewro (€5,000) kull sitt xhur. Dan l-ammont imbagħad l-imputata kienet tgħaddieh lil ommha peress li l-ġenturi tagħha kienu għenu finanzjarjament lilha u lill-eks-zewġha fil-bidu taz-zwieġ tagħhom. L-eks raġel tagħha kienet jgħaddi wkoll manteniment lill-eks mara tiegħu għal bint komuni li z-zewġ partijiet kellhoma ma' xulxin. Għalkemm il-pagamenti ta' manteniment ma kinux isiru b'regolarita assoluta,

xorta jirrizulta li l-eks raġel ta' Pop baqa' jikkontribwixxi għall-manteniment ta' bintu. Dan kien isir billi t-tnejn kienu jiltaqgħu fizikament fir-Rumanija u Alin kien jgħaddu l-flus tal-manteniment direttament lill-imputata. Dan kollu ġie korraborat mix-xhieda ta' Alin Adrian Pop li xehed f'dawn il-proceduri.

(c) Is-sensiela ta' transazzjonijiet li l-Prosekuzzjoni tgħid li l-imputata għamlet tramite l-Fexserv ammontanti għas-somma kumplessiva ta' € 38,450.50 jirrizulta li saru fuq medda ta' xejn anqas minn ħames (5) snin u mhux f'terminu qasir ta' zmien. Għalkemm is-somma inniffisha weħidja tista' tqajjem certu suspetti, x'ħin wieħed iqis il-medda ta' zmien dan is-suspett jisfuma fix-xejn. In oltre mill-provi irrizulta li kull trasferiment li kien isir normalment ma kienx jaqbez il-figura ta' erba' mija u ħamsin ewro (€ 450);

(d) Għalkemm irrizulta li l-imputata rceviet l-ammont ta' € 17,700 mingħand is-sieħeb tagħha George Degiorgio, dan il-pagament ma sarx f'darba izda sar wkoll fuq numru ta' snin u cioe bejn is-sena 2013 u s-sena 2016. Jekk wieħed kellu jaħdem medja ta' kemm jiġi li tħallsu fix-xahar fuq dan il-perijodu, dan jiġi jammonta għal € 368.75 (l-ammont ta' € 17,700 diviz b' 4 snin (48 xahar). Zgur li tali ammont ma kienx se jqajjem xi suspett f'Pop dwar il-provenjenza ta' dawn il-flus, anke għaliex fl-istess epoka George Degiorgio kien qed jircievi beneficcji socjali fosthom il-beneficcju tac-children's allowance inkluz għal wild li Pop u George Degiorgio kellhom flimkien;

(e) Rigward il-vetturi li l-Prosekuzzjoni isostni li l-imputata għandha jew inkella kellha fuq isimha, dawn lanqas jissuffragaw it-tezi tal-Prosekuzzjoni. L-ewwel vettura u cioe l-Audi A4 kienet ġiet akkwistata għall-prezz ta' tmienja u għoxrin elf ewro (€ 28,000) li minnhom l-ammont ta' għoxrin elf ewro (€ 20,000) tħallsu minn kontribuzzjoni li għamel missier l-imputata Vasile Tatarciuc. Dan wkoll xehed f'dawn il-proceduri u ikkonferma l-għotja tiegħu. Il-kumplament tal-flus tħallsu mill-imputata, liema flus ġew mill-impjieg li hija kellha f'stabbiliment f'Paceville. Sussegwentement kien sar negozju mal-kumpanija J. Zammit Limited biex din il-vettura Audi A4 tinbidel għal ma' waħda Audi Q7. In-negozju kien jinvolvi l-konsenja tal-Audi A4 lil J. Zammit Limited kif wkoll il-ħlas ta' € 25,000 bħala differenza fil-valur ta' bejn iz-zewġ vetturi. Dan il-ħlas kellu jsir fuq bazi mensili. Il-ħlasijiet baqgħu ma sarux u dan in-negozju tħassar bil-partijiet jerġgħu lura għall-*istatus quo ante*. Pero peress li l-Audi A4 laħqet inbiegħet lil terzi u ma setgħetx tiġi ritornata l-istess vettura, l-imputata ingħatat Mercedes Benz tal-istess valur bħal Audi A4. Rigward il-Corvette għalkemm din kienet reġistrata fuq isem l-imputata, ma jidhirx li din kienet qegħda fil-pussess tagħha. Infatti hija tixhed li saret taf bil-Corvette meta hija rceviet citazzjoni ta' overspeeding. Di piu fiz-zewg okkazzjonijiet li l-Pulizija waqfu jew kellmu lis-sewwieq tal-Corvette, dan dejjem kien George Degiorgio u mhux l-imputata;

(f) Rigward il-ħlasijiet tal-mizati tal-iskola, jirrizulta li dawn ma sarux minn Pop weħidha izda wkoll mill-imputat George Degiorgio. Apparti minn hekk anke kif xehed Vasile Tatarciuc, missier l-

imputata, huwa kien anke qed jgħin lill-bintu finanzjarjament anke fejn tidħol edukazzjoni ta' bint l-istess imputata. L-għajnuna finanzjarja ta' Tatarciuc lil bintu kienet waħda kontinwa u regolari b'mod partikolari mill-2016 'l quddiem.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, tenut kont wkoll l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-imputata, din il-Qorti ma tistax tasal sabiex b'serenita tasal biex tattribwixxi ħtija lill-imputata għar-reati li qegħdin jiġu addebitati lilha. Għalhekk hija sejra tillibera lill-imputata minn kull imputazzjoni u ħtija.

**(2) <u>Alfred u George Degiorgio</u>**

Il-Qorti temmen li l-ewwel punt li għandu jiġi indirizzat huwa l-argument tad-difiza sollevat fin-nota ta' sottomissjonijiet fejn qed jingħad li l-prosekuzzjoni naqset li tindika z-zmien ta' meta allegatament ġie kommess ir-reat ta' money laundering u per konsegwenza l-imputati aħwa Degiorgio għandhom jiġu liberati minn kull imputazzjoni u ħtija.

Huwa ben risaput li fit-termini tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, l-komparixxi ġiet dejjem meqjusa bħala semplici "*avviso di comparire*". Huwa minnu li l-artikolu 360(2) tal-Kap. 9 jistipula dak li għandu jkun fiha l-komparixxi.[11] Sakemm pero il-ġist ta' dak li jistabilxxi l-artikolu

[11] Artikolu 360(2) tal-Kap. 9: "*Ic-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*"

360(2) jiġi rispettat zgur li dan mhux se jwassal għal xi forma ta' nullita tal-proceduri.

Minn ezami tac-citazzjoni huwa car li din fiha dak kollu li huwa rikjest mill-artikolu 360(2). L-artikolu 360(2) ma jobbligax lill-Prosekuzzjoni sabiex tindika bil-preciz id-data tar-reat. Infatti f'punt minnhom tal-artikolu 360(2), il-leġislatur jitkellem dwar partikolaritajiet ta' lok u zmien li ***"jkunu jistgħu jingħataw"*** Kif ġia accennat aktar qabel f'din is-sentenza, ir-reati ta' *money laundering* li fuqhom tressqu akkuzati l-aħwa Degiorgio huma reati delikati u l-investigazzjoni tagħhom hija waħda difficli u kumplessa. Hemm ħafna sofistikazzjoni involuta f'dan it-tip ta' reati u allura ħafna drabi jkun difficli biex tiġi identifika xi data jew ġurnata specifika kif normalment jiġri f'reati oħrajn.

Din il-Qorti ma tara xejn mhux floku fil-mod ta' kif ġie redatta c-citazzjoni li tat bidu għal dawn il-proceduri u l-imputati assolutament ma soffrew l-ebda preġudizzju minħabba l-mod ta' kif ġew redatti l-akkuzi fil-konfront tagħhom. *Qua* imputati, Alfred u George Degiorgio kellhom il-beneficcju li l-ewwel jisimgħu l-provi kollha li kellha l-Prosekuzzjoni fil-konfront tagħhom. Mill-kumpless tal-provi li tressqu mill-Prosekuzzjoni, huma setgħu facilment saru konxji tal-perijodi ta' zmien li għalih kienet qed tirreferi l-Prosekuzzjoni hija u tibni l-kaz tagħha. In oltre d-dokumentazzjoni prezentata mill-Prosekuzzjoni fil-maġġior parti kbira tagħha qed tirreferi għall-perijodi ta' zmien wara l-2005 u cioe wara li kien sar tibdil radikali fil-liġi tal-ħasil tal-flus. Għalhekk id-difiza tagħhom bl-ebda mod u manjiera ma ġiet serjament preġudikata u ma kelhom l-ebda problema biex jistabilixxu liema liġi kienet applikabbli għall-kaz

tagħhom. In oltre jekk dehrilhom li kellhom iressqu xi eccezzjoni tal-preskrizzjoni setgħu jagħmlu dan fl-istadju tad-difiza tagħhom wara li kien hemm il-*full disclosure* tal-provi kollha li kellha a disposizzjoni tagħha l-Prosekuzzjoni. Dan l-argument tal-imputati George u Alfred Degiorgio qiegħed għalhekk jiġi respint.

Din il-Qorti issa trid tara jekk jirrizultawx l-elementi tar-reati li bihom qegħdin jiġu addebitati l-imputati. Ikun utili li qabel xejn jiġu identifikati l-assi/flejjes partikolari ta' kull wieħed mill-aħwa Degiorgio u li irrizultaw mill-provi prodotti.

Rigward **<u>George Degiorgio</u>**, mill-atti irrizultaw is-segwenti provi għar-rigward assi/flejjes:

(i) Kellu kont mal-Bank of Valletta plc li kien ilu inattiv mill-2005;

(ii) Kien ħa self mill HSBC Bank Malta plc u kien għamel zmien iħallas pagament ta' kwazi €1,000 fix-xahar;

(iii) L-aħħar impjieg ufficjali tiegħu imur lura għas-sena 1982 fejn hu ħadem fis-settur tal-kostruzzjoni għal ftit xhur. Minn dakinhar 'l hawn ma jirrizultax li qatt reġa kien *gainfully occupied*;

(iv) Kien iħallas l-mizati tal-iskola privata għaz-zewġ uliedu;

(v) Fl-2017 George Degiorgio xtara opra tal-baħar bl-isem "Maya" għall-prezz ta' tletin elf ewro (€30,000) u ħallas għaliha fi flus

kontanti. Din l-opra tal-baħar pero ġiet reġistrata fuq ħuh Alfred Degiorgio;

(vi) George Degiorgio għandu opra tal-baħar oħra bl-isem Ducu;

(vii) George Degiorgio għandu wkoll fuq ismu Audi A4. Bejn l-2013 u l-2016 kellu wkoll reġistrati fuq ismu zewġ vetturi oħra Mitsubishi L200 u BMW 360D;

(viii) Irrizulta wkoll li George Degiorgio kien jagħmel uzu minn Corvette – li għalkemm ma kinitx fuq ismu – kienet tintuza minnu. Dan kif konfermat anke mir-rapporti tal-Pulizija u mill-Pulizija li f'zewġ istanzi separati kienu kellmu lill-istess George Degiorgio għar-raġuni li darba minnkom kien qed idur b' din il-vettura meta ma kinitx licenzjata biex tkun fit-triq u darba oħra għax kien ipparkja ħazin l-istess vettura;

(ix) L-uniku dħul legali li jirrizulta li kellu George Degiorgio bejn l-2002 u l-2018 kienu biss beneficcji socjali li laħqu s-somma ta' kwazi mija u erbat elef u sitt mitt ewro (€ 104,600). Ma jirrizulta li kellu l-ebda dħul ieħor minn xi impjieg jew inkella minn xi posizzjoni f'xi kumpanija. Infatti l-istess George Degiorgio lanqas biss kien reġistrat mad-Dipartiment tat-tat-Taxxa għall-finijiet fiskali jew inkella kellu xi numru tal-VAT li jindika li seta' kellu xi attivita kummercjali.

Għar-rigward **Alfred Degiorgio** irrizultat s-segwenti informazzjoni għar-rigward assi / flejjes tiegħu:

(i) Għall-perjodu ta' bejn Awwissu 2017 u Novembru 2018, huwa kien qiegħed jikri appartament mingħand Carmelo Fava bir-rata ta' tmien mitt ewro (€800) fix-xahar. Huwa kien regolari fil-pagamenti tal-kera u dejjem ħallas fi flus kontanti;

(ii) Bejn l-2009 u l-2019 Alfred Degiorgio lagħab b'kollox kwazi sitt mitt elf ewro (€600,000) fi tlett casinos separati f'Malta. Kuntrarjament għall-impressjoni li tipprova tagħti d-difiza fejn targumenta li kellu rebħ, mid-dokument esebiti jirrizulta li maz-zmien aktar kien hemm telf milli rebħ. Ir-rebħ li sar xorta ma jiġġustifikax l-ammont li effettivament intlagħab;

(iii) L-uniku dħul li jirrizulta li kellu l-imputat Alfred Degiorgio bejn l-2002 u l-2018 kien l-ammont ta' €20,596.95 f'beneficcji socjali;

(iv) Għalkemm Alfred Degiorgio kien reġistrat għall-fini ta' taxxa, fl-aħħar tnax -il sena ma kien iddikjara l-ebda dħul. Lanqas rrizulta li huwa kellu xi numru ta' VAT u li għalhekk kien qed jiġġestixxi xi negozju;

(v) Kontijiet attivi mal-Bank jirrizulta li ma kellux. L-aħħar kont tal-bank attiv kien kont ta' self li ingħalaq fl-2002;

(vi) Ma irrizultax li huwa kien involut f'xi kumpanija partikolari jew li kien qed jippercepixxi xi ħlasjiet in konnessjoni mal-involviment tiegħu f'xi kumpanija;

Mis-suespost għalhekk din il-Qorti m'għandix dubju li l-imputati Alfred u George Degiorgio kellhom a disposizzjoni tagħhom ammont sostanzjali ta' assi/flejjes. Mill-provi akkwiziti, ma tirrizulta l-ebda spjegazzjoni plawsibbli u lecita dwar kif dawn l-assi/flejjes spiccaw a disposizzjoni tal-imputati. Din l-ispjegazzjoni kienet imperattiva li tingħata, tenut kont tad-dell ta' attivita kriminali li intefa' fuq l-istess aħwa Degiorgio.

Fil-mument li inbdew dawn il-proceduri, l-aħwa Degiorgio kienu qegħdin jiġu suspettati li kienu involuti fil-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia u infatti kif irrizulta mill-provi prezentati f'dan ir-rigward bdew għaddejjin kumpilazzjoni separata dwar dan l-omicidju. Kif anke xehed l-ufficjal prosekutur li kien responsabbli direttament minn din l-investigazzjoni dwar reati ta' ħasil ta' flus, din l-investigazzjoni bdiet bħala *offshoot* tal-istess investigazzjoni dwar l-omicidju tal-ġurnalista. Apparti minn hekk mill-atti jirrizulta wkoll li l-aħwa Degiorgio xilfu idejhom mal-ġustizzja kemm -il darba u ma kinux ucuħ ġodda għall-għatba tal-Qorti. Dan kollu fil-fehma ta' din il-Qorti huwa bizzejjed biex jindika fuq bazi ta' *prima facie* li l-assi/flejjes li kellhom a disposizzjoni l-aħwa Degiorgio setgħu kienu provenjenti minn attivitajiet kriminali li t-tnejn li huma setgħu kienu invluti fihom.

Pero kif ingħad l-imputati baqgħu siekta u ma ipprezentaw l-ebda prova biex turi l-provenjenza lecita tal-assi / flejjes li kellhom. Fin-nuqqas ta'

tali prova da parti tal-imputati u tenut kont wkoll li l-Prosekuzzjoni skarikat adegwatament il-livell ta' prova rikjest minnha bil-liġi, il-Qorti tinsab konvinta li l-assi/flejjes li kellhom l-imputati aħwa Degiorgio kienu provenjenti minn attivita kriminali. Għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi biex issib ħtija fiz-zewġ imputati aħwa Degiorgio għar-reat tal-ħasil ta' flus.

- **<u>L-Akkuza tar-Recidiva fil-konfront tal-imputati George u Alfred Degiorgio</u>**

L-imputati George u Alfred Degiorgio wkoll qegħdin jiġu akkuzati li huma recidivi. Ir-reċidiva hija reat u akkuża per se, u għalhekk titlob li tinġieb l-aħjar prova sabiex jiġi żgurat li persuna tinstab ħatja jew le, skont il-każ. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Abela Paul</u>**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Settembru, 2004, intqal:

*"L-appellant gie akkuzat ukoll li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-1 ta' Lulju 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut: "Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova tal-identita` … l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li*

*saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ….*"

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra***, mogħtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2003, intqal:

"*Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti -permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata birrecidiva.*"

Din il-Qorti wkoll tqis li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad li trid il-liġi l-imputazzjoni tar-recidiva. Fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2018, s-Supretendent Antonovich Muscat ipprezenta zewġ kopji legali ta' zewġ sentenzi, waħda riferibbli għall-imputat George Degiorgio u l-oħra għall-imputat Alfred Degiorgio. F'dik l-istess seduta id-difiza kienet qablet li l-konnotati tal-imputati imsemmija fis-sentenzi esebiti kienu l-istess tal-imputati odjerni. Għalkemm is-sentenza fil-konfront ta' George Degiorgio kienet dik mogħtija mill-Ewwel Qorti, is-Supretendent ikkonferma li tali sentenza kienet ġiet konfermata fl-appell. Il-Qorti għalhekk sejra titratta maz-zewġ imputati bħala recidivi x'ħin tiġi biex tikkalibra l-piena li sejra tinfliġġi.

**DECIDE:**

Għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) **Mhux qiegħda issib lill-imputata Anca-Adelina Pop ħatja** tal-akkuzi li ġew dedotti fil-konfront tagħha u għalhekk qiegħda tilliberaha minn kull imputazzjoni u ħtija;

(b) Wara li rat l-artikolu 3 tal-Att Kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 18, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta **qiegħda issib lill-imputati George Degiorgio u Alfred Degiorgio ħatja taz-zewġ imputazzjonijiet** li ġew dedotti fil-konfront tagħhom u qiegħda tikkundannahom għall-erba' snin priġunerija effettivi u multa ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000) kull wieħed.[12]

[12] Bħala piena l-Kap. 373 jistabilixxi segwenti: (2A) (a) Kull persuna li tiġi akkużata b'reat ta' money laundering taħt dan l-Att għandha tiġi proċessata fil- Qorti Kriminali jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont ma l- Avukat Ġenerali jista' jordna, u tista' teħel jekk tinsab ħatja:

(i) mill-Qorti Kriminali, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux anqas minn erba' snin iżda mhux iżjed minn tmintax-il sena, jew multa ta' mhux anqas minn ħamsin elf euro (€50,000) u mhux iżjed minn żewġ miljuni u ħames mitt elf euro (€2,500,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien; jew

(ii) (ii) mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux inqas minn tnax-il xahar iżda mhux iżjed minn disa' snin, jew multa ta' mhux inqas minn għoxrin elf euro (€20,000) iżda mhux iżjed minn mitejn u ħamsin elf ewro (€250,000), jew dik il-multa u prigunerijaflimkien.

Inoltre` ai termini tal-Artikolu 3(5)(a) tal-Att Kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-segwenti:

(i) il-vettura tal-marka Mercedes bin-numru tar-reġistrazzjoni IBQ 897;
(ii) leasure boat Wellcrat Martinque bl-isem Maya

Dawn it-tnejn huma reġistrati u propjeta ta' Alfred Degiorgio.
(iii) il-vettura tal-marka Audi bin-numru tar-reġistrazzjoni DENJAD;
(iv) Pleasure boat bl-isem "Ducu"

Dawn huma propjeta u reġistrati fuq isem George Degiorgio.

In oltre l-Qorti qieghda tordna wkoll l-konfiska tal-vettua tal-marka Corvette C7 tat-tip convertible bin-numru tar-reġistrazzjoni JBW 214 (Davidducu). Għalkemm reġistrata fuq isem l-imputata Anca-Adelina Pop, din il-vettura effettivament kienet fil-kontroll tal-imputat George Degiorgio u ġiet akkwistata minnu.

Dawn kollha qegħdin jiġu konfiskati stante li jirrizulta li dawn ġew akkwistati b'fondi illeciti.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tordna lill-imputati

George u Alfred aħwa Degiorgio sabiex bejniethom iħallsu l-ammont ta' tmien mija u wieħed u erbgħin ewro u disgħin centeżmu (€841.90) rappreżentanti spejjez peritali inkorsi f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti qed tordna divjet fuq il-mezzi kollha tax-xandir fuq isem it-tfal tal-imputati li ssemmew fil-kawza u l-iskola fejn jattendu.

---

**Dr Joseph Mifsud**

**Maġistrat**